PARLAMENT TA' MALTA

Mistoqsijiet Parlamentari

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 30

It-Tnejn, 2 ta' Novembru, 2026 fis-6:00 p.m.

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3253. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuna li qed issir referenza għaliha, sa nhar id-29 ta' Mejju ta' din is-sena ma kinitx isservi fil-bordijiet li kienu jaqgħu taħt il-Ministeru għal Għawdex, inkluż l-Bordijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar. Il-persuna indikata lanqas ma qiegħda sservi f'xi bordijiet li nħatru mill-bidu ta' din il-leġiżlatura sal-lum.

Seduta Numru 30
02/11/2026

SPEĊI PROTETTI/MIGRATORJI – EFFETT TAL-KAĊĊA – IMPACT ASSESSMENT AMBJENTALI

312. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx impact assessment ambjentali dwar l-effett tal-kaċċa fuq ċerti speċi protetti jew migratorji?

24/06/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Kumitat Ornis huwa inkarigat li jevalwa dawn il-kwistjonijiet skont ir-regolament 10 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S.549.42).

Seduta Numru 30
02/11/2026

REGOLAMENTI TAL-KAĊĊA – UFFIĊJALI TAL-INFURZAR

313. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm uffiċjali tal-infurzar assenjati biex jissorveljaw il-konformità mar-regolamenti tal-kaċċa?

24/06/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 30
02/11/2026

SISTEMA TAL-ĦRUĠ TA' LIĊENZJI GĦALL-KAĊĊA

314. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux intenzjoni jirrevedi s-sistema tal-ħruġ ta' liċenzji għall-kaċċa sabiex ikun hemm aktar trasparenza u infurzar effettiv?

24/06/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċedura tal-eżamijiet biex wieħed tinħariġlu liċenzja ġdida hija diġà waħda trasparenti. Qabel l-eżami, l-applikanti jiġu mistiedna jattendu kors ta' informazzjoni li matulu jingħataw tagħrif u spjegazzjonijiet dwar ir-regolamenti applikabbli, inkluż l-identifikazzjoni ta' għasafar kaċċabbli. Wara dan il-kors, l-applikanti jiġu msejħa biex ipoġġu għall-eżami bil-għan li jiġu evalwati fuq l-għarfien tagħhom tar-regolamenti u l-identifikazzjoni tal-għasafar kaċċabbli. L-applikanti jiġu infurmati bil-miktub bir-riżultat tal-eżami tagħhom. Dawk li ma jgħaddux mill-eżami jingħataw l-opportunità li jerġgħu jpoġġu għall-eżami f'sessjoni sussegwenti.
B'differenza mill-proċedura ta' *interview* li kienet tintuża qabel it-twaqqif tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (WBRU), l-eżami bil-miktub jipprovdi metodu ta' evalwazzjoni oġġettiv u uniformi li ma jħallix lok għal preġudizzju jew għal interpretazzjonijiet differenti.

Seduta Numru 30
02/11/2026

ELEZZJONI ĠENERALI 2026 – LIĊENZJI TAL-KAĊĊA MAĦRUĠA

315. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il liċenzja tal-kaċċa nħarġet wara l-Elezzjoni Ġenerali 2026 u jekk kienx hemm żieda fl-applikazzjonijiet matul dan il-perjodu?

24/06/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-aħħar eżamijiet tal-liċenzja tal-kaċċa saru f'Ġunju li għadda. Il-proċess biex jinħarġu l-liċenzji tal-kaċċa għadu ma bediex peress li r-riżultati tal-eżamijiet għadhom qegħdin jiġu pproċessati. In-numru ta' applikanti li poġġew għal dawn l-eżamijiet huwa fl-istess livell ta' sessjonijiet preċedenti.

Seduta Numru 30
02/11/2026

KAĊĊA – POLICIES/PERMITS

316. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kull ftehim, memorandum jew komunikazzjoni bejn il-Gvern u għaqdiet tal-kaċċaturi relatati ma' policies jew permits tal-kaċċa?

24/06/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex filwaqt li jispeċifika l-mistoqsija tiegħu, żgur li dan il-Gvern ma bagħat l-ebda komunikazzjoni bil-miktub u iffirmata minn Prim Ministru fejn il-kaċċaturi kienu ġew imwegħdin li l-kaċċa u l-insib se jiġu ssalvagwardjati, biex imbagħad ftit wara ġara kollox bl-oppost. Il-politika ta' dan il-Gvern favur id-delizzji u tradizzjonijiet lokali hija ċarissima. Dan għal kuntrarju tal-partit fl-Oppożizzjoni.

Seduta Numru 30
02/11/2026

SENA SKOLASTIKA 2025-2026 – STUDENTI TAL-YEAR 11

321. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru totali ta' studenti tal-Year 11 li temmew l-edukazzjoni obbligatorja fis-sena skolastika 2025-2026?

25/06/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li t-total ta' student tal-Year 11 li temmew l-edukazzjoni obbligatorja fis-sena skolastika 2025-2026 hija ta' 2485.

Seduta Numru 30
02/11/2026

MINISTERU GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IL-BENESSERI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

1446. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 702 u jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

14/07/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 975.

Seduta Numru 30
02/11/2026

MINISTERU GĦALL-UGWALJANZA U D-DRITTIJIET ĊIVILI – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

1447. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 703 u tgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Tista' tgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

14/07/2026

ONOR. ROSIANNE CUTAJAR: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 975.

Seduta Numru 30
02/11/2026

ADOZZJONIJIET – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI

1987. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm applikazzjonijiet pendenti għall-adozzjoni sal-aħħar data disponibbli?

21/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 59 applikazzjoni pendenti għall-adozzjoni sad-data ta'28 t'Ottubru 2026.

Seduta Numru 30
02/11/2026

QORTI TAL-FAMILJA - KAWŻI ĠODDA

2037. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ippreżentati kawżi ġodda fil-Qorti tal-Familja mill-2015 sal-aktar data riċenti, maqsuma sena b'sena?

21/07/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba sat-13 t'Ottubru 2026.

Seduta Numru 30
02/11/2026

QORTI TAL-FAMILJA - KAWŻI DEĊIŻI

2038. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew deċiżi kawżi fil-Qorti tal-Familja mill-2015 sal-aktar data riċenti, maqsuma sena b'sena?

21/07/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi numru ta' kawżi deċiżi fil-Qorti tal-Familja mill-2015 sal-5 t' Ottubru 2026.

Seduta Numru 30
02/11/2026

QORTI TAL-FAMILJA - KAWŻI PENDENTI

2039. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm kawżi li baqgħu pendenti fil-Qorti tal-Familja fl-aħħar ta' kull sena, mill-2015 sal-aktar data riċenti?

21/07/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba sat-13 t'Ottubru 2026.

Seduta Numru 30
02/11/2026

QORTI TAL-FAMILJA - ŻMIEN MEDJU BIEX TINQATA' KAWŻA

2040. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu ż-żmien medju biex tinqata' kawża fil-Qorti tal-Familja u jagħti din l-informazzjoni mill-2015 sal-aktar data riċenti, maqsuma sena b'sena?

21/07/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Waqt li ninforma lill-Onor. Interpellant illi ż-żmien medju biex kawża tiġi deċiża fil-perjodu msemmi minnha kien ta' bejn madwar sentejn, ta' min jinnota li mill-1 t'Ottubru 2026, daħlet fis-seħħ ir-Riforma tal-Qorti tal-Familja li permezz tagħha ġew stabbiliti limiti u żminijiet ċari li għandhom jgħinu biex jitħaffu il-proċeduri fil-Qorti tal-Familja. Wieħed għandu jagħti perjodu ta' żmien sakemm tkun tista' ssir evalwazzjoni oħra tal-iżviluppi li jkunu saru bis-saħħa ta' din ir-riforma.

Seduta Numru 30
02/11/2026

QORTI TAL-FAMILJA - KAWŻI TA' SEPARAZZJONI

2041. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ippreżentati kawżi ta' separazzjoni fil-Qorti tal-Familja mill-2015 sal-aktar data riċenti, maqsuma sena b'sena?

21/07/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninsab infurmat li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

PERSUNI LI SOFREW MINN HYPERTHERMIA – LULJU 2026

2152. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm persuni li daħlu l-isptar, u kemm minnhom tilfu ħajjithom fl-isptar u barra, minħabba sħana (hyperthermia) fil-heatwave ta' Lulju 2026 u jaqsam din l-informazzjoni ġurnata b'ġurnata?

23/07/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li minn informazzjoni miġbura mis-sistema amministrattiva tal-Isptar Mater Dei, in-numru ta' attendenzi ġewwa l-emerġenza kien jammonta għal 179, li minnhom 89 ġew ammessi fi swali.
Skont ir-Reġistru Nazzjonali tal-imwiet, in-numru ta' persuni li mietu b'konsegwenza diretta tal-effett tas-sħana f'Malta u Għawdex matul ix-xahar ta' Lulju 2026 kien ta' għoxrin, bi tlieta minnhom imutu fl-isptar. Fil-każijiet kollha, il-pazjenti kellhom kundizzjonijiet mediċi oħra li setgħu ikkontribwew għall-mewt tagħhom.

Seduta Numru 30
02/11/2026

SKEMA GĦAX-XOGĦOL FIL-KOMUNITÀ

2201. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Iskema għax-Xogħol fil-Komunità għadhiex fis-seħħ u, jekk iva, kif qed titħaddem u kif tista' tiġi aċċessata? Jekk le, hemm il-ħsieb li jkun hemm skema ekwivalenti?

24/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninsab infurmat illi I-implimentazzjoni tal-Community Work Scheme għadha għaddejja. Klijenti jiġu rreferuti minn Jobsplus skont il-kriterji stabbiliti.

Seduta Numru 30
02/11/2026

XOGĦOL PREKARJU – MIŻURI

2202. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed jittieħdu mill-Gvern biex jindirizza l-problema tax-xogħol prekarju?

24/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 30
02/11/2026

DIER - ILMENTI MRESSQA MATUL L-2025

2203. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid dwar xiex kienu l-ilmenti mressqa quddiem id-Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (DIER) matul l-2025, u jaqsam din l-informazzjoni f'numri u persentaġġi?

24/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 30
02/11/2026

DIER - ILMENTI LI ĠEW RIŻOLTI

2204. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew imressqa ilmenti quddiem id-Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (DIER) matul l-2025 u li ġew riżolti mingħajr il-ħtieġa tat-tribunal?

24/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 30
02/11/2026

DIER - TCNS LI RRIKORREW GĦALL-GĦAJNUNA MATUL L-2025

2205. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCNs) rrikorrew għall-għajnuna tad-Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (DIER) matul l-2025, u jaqsam din l-informazzjoni f'numri u persentaġġi?

24/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 30
02/11/2026

DIER - ILMENTI

2206. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew imressqa ilmenti quddiem id-Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (DIER) bejn Jannar u Ġunju 2026? Jista' jgħid ukoll f'kemm minn dawn il-każijiet id-dipartiment aġixxa ta' intermedjarju bejn min iħaddem u l-ħaddiem?

24/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 30
02/11/2026

MINISTERU GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IL-BENESSERI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI – PROPRJETAJIET MIKRIJA

2359. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm proprjetà fid-dekasteru tiegħu li hi mikrija u kemm titħallas kera fis-sena?

30/07/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fid-dekasteru li jien responsabbli minnu hemm żewġ proprjetajiet li huma b'kirja mingħand il-Gvern, inkluż il-binja tal-Ministeru u proprjetà waħda li hija b'kirja mingħand il-Knisja.

Seduta Numru 30
02/11/2026

MINISTERU GĦALL-UGWALJANZA U D-DRITTIJIET ĊIVILI – PROPRJETAJIET MIKRIJA

2360. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm proprjetà fid-dekasteru tagħha li hi mikrija u kemm titħallas kera fis-sena?

30/07/2026

ONOR. ROSIANNE CUTAJAR: Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm tmien (8) proprjetajiet li huma b'kirja mingħand il-privat fil-Ministeru għall-Ugwaljanza u Drittijiet Ċivili, inkluż id-dipartimenti u entitajiet li jaqgħu taħtu.

Seduta Numru 30
02/11/2026

AVUKATI TAT-TFAL – TAĦRIĠ SPEĊJALIZZAT

2362. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Avukati tat-Tfal maħtura sabiex jirrappreżentaw lit-tfal fi proċeduri quddiem il-Qrati jirċevux taħriġ speċjalizzat dwar kif għandhom jintervistaw lit-tfal, evidence-based, child-centred inkluż tekniċi ta' intervista ċċentrati fuq it-tfal, adattati għall-età tagħhom, newtrali u mingħajr mistoqsijiet suġġestivi, sabiex il-fehmiet tat-tfal jiġu espressi b'mod ħieles u affidabbli?

31/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija parlamentari tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 30
02/11/2026

AVUKATI TAT-TFAL – STANDARDS/LINJI GWIDA NAZZJONALI

2363. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx standards jew linji gwida nazzjonali li jirregolaw il-funzjonijiet tal-Avukati tat-Tfal, inkluż kemm-il darba għandhom jiltaqgħu mat-tifel jew mat-tifla qabel is-smigħ tal-Qorti, x'azzjonijiet dixxiplinarji jittieħdu meta jonqsu milli jwettqu dmirijiethom jew ma jattendux għas-smigħ tal-Qorti, u kemm-il darba kien hemm tfal mhux akkumpanjati minn Avukat tat-Tfal?

31/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija parlamentari tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 30
02/11/2026

ĦADDIEMA SOĊJALI

2364. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema soċjali impjegati fis-servizzi tal-protezzjoni tat-tfal, fis-servizz tal-Looked After Children, fil-Fostering u l-Adozzjoni? Jista' jgħid ukoll kemm ħaddiema soċjali rreżenjaw mill-impjieg tagħhom f'dawn is-servizzi, jekk hemmx nuqqas ta' riżorsi umani f'dawn is-servizzi, u f'każ li hemm nuqqas, x'miżuri qed jittieħdu sabiex dan in-nuqqas jiġi indirizzat?

31/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

FOSTER CARERS U TFAL FIL-FOSTER CARE

2365. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm foster carers liċenzjati u attivi, kemm hemm tfal fil-foster care maqsuma bejn subien u bniet u jekk hux kien Foster Care jew non-related? Jista' jgħid ukoll kemm hemm tfal qed jistennew foster placement, kemm foster carers waqfu joffru l-impenn tagħhom f'dan fil-qasam matul dawn l-aħħar ħames snin, u jekk sarux studji dwar ir-raġunijiet għal dan, filwaqt li jqiegħed ir-riżultati ta' dawn l-istudji, jekk jeżistu, fuq il-Mejda tal-Kamra?

31/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

ENEMALTA - ĦSARAT

2550. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti lista tal-ħsarat (faults) kollha li ġew reġistrati fuq in-network tal-Enemalta f'Lulju u Awwissu 2026, u fl-istess lista tindika:

i. x'kienet il-kawża tal-ħsara;
ii. meta ġiet installata l-ġonta jew it-tagħmir li kellu l-ħsara;
iii. min hu l-manifattur;
iv. meta u x'ħin kien meta ġie rappurtat jew innutat; u
v. meta u x'ħin kien meta ġie msewwi?

02/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li l-informazzjoni mitluba mill-Onor. Interpellant qiegħda attwalment tiġi miġbura u eżaminata mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO) fil-kuntest ta' proċess ta' awditjar li għadu għaddej.

Seduta Numru 30
02/11/2026

REWS - SKEMA TAL-GRANT TAL-BATTERIJI DOMESTIĊI - APPLIKAZZJONIJIET

2551. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm daħlu applikazzjonijiet għall-iskema tal-grant tal-batteriji domestiċi mar-Regulator for Energy & Water Services (REWS) minn Ġunju 2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar, u fl-istess tabella tindika kemm minnhom ġew ipproċessati sal-lum, kemm ġew approvati, u kemm ġew rifjutati?

02/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, fl-2025, l-iskema tal-grant tal-batteriji domestiċi kienet miftuħa bejn Frar u Awwissu. Matul dan il-perjodu, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS), irċieva 3,248 applikazzjoni li minnhom ġew approvati 3,122 u m'hemm l-ebda pendenza. Din is-sena l-iskema reġgħet fetħet f'April u n-numru t'applikazzjonijiet li rċieva l-Uffiċċju tar-Regolatur kien jammonta għal 3,433. Minn dawn s'issa ġew approvati 1,953, filwaqt li 37 ġew rifjutati.

Seduta Numru 30
02/11/2026

L-ISKEMA IRRINOVA DAREK - APPLIKAZZJONIJIET

2552. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu applikazzjonijiet għall-iskema Irrinova Darek għal kull reġjun fejn din l-iskema ħarġet? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom ġew rifjutati, kemm minnhom ġew approvati biex jidħlu fit-tielet fażi, u kemm minnhom ġie ffirmat il-kuntratt, maqsuma reġjun b'reġjun?

02/09/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-iskema maħruġa fl-2025, fir-Reġjun tat-Tramuntana, kien hemm 2,139 applikazzjoni, li 1,818 għaddew għat-tieni fażi, filwaqt li s'issa kien hemm 431 li għaddew għat-tielet fażi. Min-naħa l-oħra, fl-iskema maħruġa fl-2026, fir-Reġjun tan-Nofsinhar, kien hemm 1,815 applikazzjoni li 1,423 applikazzjoni għaddew għat-tieni fażi, filwaqt li għadu għaddej il-proċess għat-tielet fażi.

Seduta Numru 30
02/11/2026

CLIMATE CHANGE AUTHORITY - TAGĦMIR TAL-UFFIĊĊJU - NEFQA

2553. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra itemised break down tan-nefqa fuq it-tagħmir tal-uffiċċju tal-Climate Change Authority, mit-twaqqif tal-Awtorità fl-2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' wkoll għal kull item tgħid jekk in-nefqa saritx b'tender, b'sejħa għal kwotazzjonijiet, b'direct order, jew b'mod ieħor?

02/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, sa mit-twaqqif tagħha, l-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima kompliet fejn kienet ħalliet l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u baqgħet tinvesti f'tagħmir elettroniku modern li jsaħħaħ l-effiċjenza u l-effettività tal-operat. Dan it-tagħmir kien jikkonsisti prinċiparjament f'laptops/tablets, monitors, printers u apparat ieħor għal-laqgħat virtwali. In-nefqiet annwali kienu ta' €5,899 fl-2024 (minn Novembru), €40,238 fl-2025 u €26,279 fl-2026 (sa Ottubru). L-apparat inxtara skont il-proċeduri tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku.

Seduta Numru 30
02/11/2026

PROJECT GREEN - TAGĦMIR TAL-UFFIĊĊJU - NEFQA

2554. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra itemised break down tan-nefqa fuq it-tagħmir tal-uffiċċju tal-Project Green, mit-twaqqif tal-aġenzija fl-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' wkoll għal kull item tgħid jekk in-nefqa saritx b'tender, b'sejħa għal kwotazzjonijiet, b'direct order, jew b'mod ieħor?

02/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

DIRETTIVA TAL-UE 2023/1544 – MIŻURI

2600. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri ttieħdu s'issa biex tiġi implimentata d-Direttiva tal-UE 2023/1544 li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar id-dežinjazzjoni ta' stabbilimenti dežinjati u l-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-fini ta' ġbir ta' evidenza elettronika fi proċedimenti kriminali?

09/09/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fir-rigward tad-Direttiva (UE) 2023/1544, li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar id-dežinjazzjoni ta' stabbilimenti dežinjati u l-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-fini ta' ġbir ta' evidenza elettronika fi proċedimenti kriminali, sar ix-xogħol meħtieġ sabiex id-dispożizzjonijiet tagħha jiġu trasposti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. F'dan ir-rigward, ġie iffinalizzat l-abbozz tal-leġiżlazzjoni ta' traspożizzjoni fuq livell tekniku. Bħalissa għaddejjin l-aħħar diskussjonijiet qabel ma tali leġiżlazzjoni tgħaddi għall-fażijiet li jmiss.

Seduta Numru 30
02/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – ĠBIR TAL-ISKART

2631. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jgħid minn liema lokalitajiet u reġjuni ta' Malta huwa mistenni li jinġabar id-demel, slurry u skart agrikolu li ser jiġi trasportat lejn din il-faċilità? Jista' wkoll jagħti stima ta' kemm tunnellati fis-sena huma mistennija li jiġu ttrasportati minn kull lokalità jew reġjun?

16/09/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – MOVIMENTI TA' VETTURI TQAL

2632. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jgħid kemm-il moviment ta' vettura tqila kuljum huwa stmat li ser jiġi ġġenerat minn din il-faċilità, kemm waqt il-fażi ta' kostruzzjoni kif ukoll meta l-impjant ikun operattiv?

16/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 30
02/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – ROTOT GĦALL-VETTURI

2633. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jgħid liema rotot qed jiġu kkunsidrati għall-vetturi tqal li ser jittrasportaw id-demel, slurry u skart agrikolu lejn u mill-faċilità proposta? Jista' jgħid ukoll jekk huwiex previst li dawn il-vetturi jgħaddu mix-Xemxija, San Pawl il-Baħar, il-Mellieħa, l-Għadira, il-Manikata jew toroq residenzjali oħra?

16/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2632.

Seduta Numru 30
02/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – TRAFFIC IMPACT ASSESSMENT

2634. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jgħid jekk sarx Traffic Impact Assessment dwar dan il-proġett? Jekk iva, jista' jqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra u jgħid meta sar, minn min sar u fuq liema volum ta' traffiku kien ibbażat? Jekk għadu ma sarx, jista' jgħid għaliex il-proċess tal-konċessjoni tnieda qabel ma sar dan l-istudju?

16/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 30
02/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – KAPAĊITÀ TAT-TOROQ

2635. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jgħid jekk saritx evalwazzjoni tal-kapaċità tat-toroq ewlenin li jwasslu lejn il-Mellieħa, l-Għadira u l-Qammieħ biex jifilħu għan-numru addizzjonali ta' vetturi tqal marbuta ma' dan il-proġett, partikolarment matul ix-xhur tas-sajf? Jekk iva, jista' jqiegħed din l-evalwazzjoni fuq il-Mejda tal-Kamra?

16/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2632.

Seduta Numru 30
02/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – AĊĊESS F'KAŻ TA' INĊIDENT/GĦELUQ TAT-TRIQ/EMERĠENZA

2636. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jgħid liema studju jew evalwazzjoni saret dwar l-aċċess lejn il-Mellieħa, l-Għadira u l-Qammieħ f'każ li jkun hemm inċident, għeluq ta' triq jew emerġenza fuq waħda mir-rotot ewlenin waqt li l-impjant ikun qed jopera?

16/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2632.

Seduta Numru 30
02/11/2026

IL-BELT VALLETTA – PARKING SPOTS

2977. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm parking spots fil-Belt Valletta li qed isir użu minnhom mill-Gvern, Ministeri u awtoritajiet statutorji, inklużi organizzazzjonijiet parastatali?

29/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-Belt Valletta hemm total ta' 217 parking spots li qed isir użu minnhom mill-Gvern, Ministeri u awtoritajiet oħra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - LISTA TA' KONSULENZI

3227. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 749 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-konsulenzi kollha mogħtija mill-Ministeru u l-entitajiet tiegħu matul l-2025 u l-2026 relatati mal-Intelliġenza Artifiċjali, it-trasformazzjoni diġitali jew il-Malta Business Wallet, flimkien mal-valur ta' kull kuntratt, il-metodu ta' akkwist u l-isem tal-fornitur?

07/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Ministeru għas-Saħħa ingaġġa l-għajnuna tal-kumpaniji KPMG u EY għall-konsulenzi u xogħlijiet ta' preparazzjoni dwar it-Trasformazzjonijiet Diġitali fis-settur tas-Saħħa Pubbliku, skont il-proċeduri tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku.

Seduta Numru 30
02/11/2026

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U L-PROVVISTA TAL-IKEL - LISTA TA' KONSULENZI

3228. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 752 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-konsulenzi kollha mogħtija mill-Ministeru u l-entitajiet tiegħu matul l-2025 u l-2026 relatati mal-Intelliġenza Artifiċjali, it-trasformazzjoni diġitali jew il-Malta Business Wallet, flimkien mal-valur ta' kull kuntratt, il-metodu ta' akkwist u l-isem tal-fornitur?

07/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

GĦAWDEX – L-GĦAR TA' CALYPSO – XOGĦLIJIET

3417. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju jinsab bħalissa l-proġett tal-Għar ta' Calypso f'Għawdex? Jista' jgħid ukoll meta huwa mistenni li jitlestew ix-xogħlijiet u meta l-Għar se jerġa' jinfetaħ għall-pubbliku?

13/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 30
02/11/2026

IR-RABAT, GĦAWDEX – TRIQ PAPA ĠWANNI PAWLU II – PROĠETT TAL-AKWADOTT

3418. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jagħti aġġornament dwar il-proġett ta' konsolidazzjoni strutturali u konservazzjoni tal-akwadott fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II, ir-Rabat, Għawdex? Jista' jgħid liema xogħlijiet tlestew, liema għadhom pendenti u jekk tlestewx l-istudji u l-preparamenti għall-fażijiet sussegwenti tal-proġett? Jista' jgħid ukoll kemm qed jaħdmu ħaddiema kuljum fuq il-proġett u meta huwa mistenni li jitlestew ix-xogħlijiet kollha?

13/10/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Nixtieq ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet ta' skavar u t-tneħħija tal-ħamrija madwar l-ewwel medda tlestew u tpoġġew il-micropiles. Sar ukoll iż-żarmar bir-reqqa ta' partijiet mill-akwadott. Dan kien jinkludi n-numerazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' kull element tal-ġebel individwali sabiex tiġi ffaċilitata r-reinstallazzjoni tagħhom. Saru xi reviżjonijiet dwar il-metodoloġiji għall-konservazzjoni u l-interventi strutturali għall-ewwel sezzjonijiet tal-akwadott u ġew iffinalizzati aktar dettalji strutturali.

Seduta Numru 30
02/11/2026

IR-RABAT, GĦAWDEX – TRIQ PAPA ĠWANNI PAWLU II – PROĠETT TAL-AKWADOTT

3419. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jagħti aġġornament dwar il-proġett ta' konsolidazzjoni strutturali u konservazzjoni tal-akwadott fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II, ir-Rabat, Għawdex? Jista' jgħid liema xogħlijiet tlestew, liema għadhom pendenti u jekk tlestewx l-istudji u l-preparamenti għall-fażijiet sussegwenti tal-proġett? Jista' jgħid ukoll kemm qed jaħdmu ħaddiema kuljum fuq il-proġett u meta huwa mistenni li jitlestew ix-xogħlijiet kollha?

13/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 30
02/11/2026

SERVIZZ TAL-FAST FERRY – REVIŻJONI TAL-ISKEDA

3503. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux qed jikkunsidra li jirrevedi l-iskeda tas-servizz tal-Fast Ferry sabiex:
i. jiġi introdott vjaġġ fit-8:45 ta' filgħodu mill-Imġarr, Għawdex lejn il-Belt Valletta, biex jiġu moqdija aħjar l-istudenti u l-ħaddiema Għawdxin; u
ii. kull nhar ta' Ġimgħa u nhar ta' Sibt, l-aħħar vjaġġ mill-Belt Valletta lejn l-Imġarr, Għawdex jitlaq fil-23:45, biex ir-residenti Għawdxin jiġu moqdija aħjar?

14/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħala Ministeru naħdmu sabiex niżguraw li s-servizz ikompli jilħaq il-ħtiġijiet tal-passiġġieri u joffri konnessjonijiet li jirrispondu aħjar għall-bżonnijiet ta' dawk kollha li jagħmlu użu minnu, b'mod partikolari r-residenti Għawdxin.
Fil-fatt, wara r-rispons pożittiv ħafna għall-estensjoni tal-ħinijiet tas-servizz matul ix-xhur tas-sajf, saru diskussjonijiet mal-operatur sabiex dawn il-ħinijiet estiżi jkunu jistgħu jinżammu wkoll matul l-iskeda tax-xitwa.
Kien proprju għalhekk li lbieraħ ħabbart li s-servizz tal-Fast Ferry se jibqa' jopera sa tard filgħaxija anke matul ix-xhur tax-xitwa, fejn nhar ta' Ġimgħa, Sibt u Ħadd, l-aħħar vjaġġ mill-Belt Valletta lejn l-Imġarr, Għawdex, se jitlaq fil-23:45.

Seduta Numru 30
02/11/2026

UFFIĊJALI TAL-PULIZIJA – SKWADRA TA' KONTRA D-DROGA

3504. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm uffiċjali tal-Pulizija attwalment assenjati mal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga f'Malta, maqsuma skont il-grad, u kemm kien hemm uffiċjali assenjati ma' din l-Iskwadra matul l-aħħar għaxar snin, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll x'investiment huwa ppjanat fir-riżorsi umani u fit-tagħmir sabiex tissaħħaħ il-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga f'Għawdex?

14/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninsab infurmat li n-numru attwali ta' uffiċjali assenjati mal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga f'Malta u Għawdex, maqsum skont il-grad, kif ukoll iċ-ċifri annwali tal-aħħar għaxar snin, jinsabu fit-tabella mehmuża.
L-Iskwadra tifforma parti mid-Dipartiment tal-Kriminalità Organizzata u taħdem mill-qrib mal-Criminal Intelligence and Analysis Unit (CIAU), li tanalizza informazzjoni u intelligence dwar it-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata, f'kollaborazzjoni ma' aġenziji internazzjonali tal-infurzar tal-liġi.
Il-Korp tal-Pulizija jkompli jinvesti fir-riżorsi umani, f'tagħmir modern u f'software speċjalizzat biex isaħħaħ il-kapaċità investigattiva u analitika tiegħu. Din il-ħidma tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni u ż-żarmar ta' gruppi kriminali organizzati, kif ukoll għall-qbid tal-assi ġġenerati minn attivitajiet.
L-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

GĦAWDEX – DAY-TRIPPERS/TURISTI

3505. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irreġistrati day-trippers f'Għawdex bejn l-2020 u l-2026, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm turisti żaru Għawdex u qattgħu mill-inqas lejl wieħed hemmhekk, bejn l-2020 u l-2026, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

14/10/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinġabar u tiġi ppubblikata mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) permezz ta' pubblikazzjonijiet uffiċjali relatati mal-istatistika tat-turiżmu, li huma aċċessibbli għall-pubbliku. Madankollu, qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni estratta mir-rapporti relevanti tal-NSO. Filwaqt li dan ir-rapport jipprovdi informazzjoni sat-tieni trimestru tas-sena kurrenti, rapport ieħor maħruġ mill-istess entità juri li sa Awwissu tas-sena 2026, l-ammont ta' turisti internazzjonali li żaru Għawdex u Kemmuna fi żjara ta' ġurnata (*day-trippers*) kien 1,645,031, filwaqt li dawk li raqdu lejl wieħed jew aktar f'Għawdex jew Kemmuna ammontaw għal 149,350.

Seduta Numru 30
02/11/2026

ITS LUQA – STUDENTI LI TKEĊĊEW

3604. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm tkeċċew studenti mill-ITS Luqa wara li ripetutament fallew il-lectures tagħhom? Jista' jgħid ukoll kemm drabi waslu tard/kienu assenti qabel tkeċċew mill-korsijiet tagħhom?

16/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ġejt infurmat li meta student/a jibda jkun assenti, hemm l-Istudent Retention Unit kif ukoll il-counsellors li jiltaqgħu mal-istudent/a biex jaraw x'inhi r-raġuni ta' dan l-assenteiżmu u jsir kull sforz biex l-istudent/a jiġi megħjun. Jekk l-istudent/a tippersisti u ma tattendix, l-istudent/a jiġi nnotifikat bit-terminazzjoni bid-dritt għall-appell. Matul is-sena akkademika 2025/6, total ta' 35 student ġew imwaqqfa milli jkomplu l-istudji tagħhom. Fil-każijiet kollha msemmija, din it-terminazzjoni daħlet fis-seħħ malli l-istudenti qabżu l-massimu ta' 20% assenzi permessi skont ir-regoli u r-regolamenti.

Seduta Numru 30
02/11/2026

ITS LUQA – STUDENTI LI TKEĊĊEW

3605. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm tkeċċew studenti mill-ITS Luqa wara li ripetutament fallew il-lectures tagħhom? Jista' jgħid ukoll kemm drabi waslu tard/kienu assenti qabel tkeċċew mill-korsijiet tagħhom?

16/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 30
02/11/2026

NGOS – APPLIKAZZJONIJIET GĦAL FINANZJAMENT

3747. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm applikaw NGOs għal finanzjament fl-aħħar sentejn, kemm ġew aċċettati u kemm ġew miċħuda, maqsuma skont l-iskema u s-sena?

19/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

NGOS – SERVIZZI PERMEZZ TA' FINANZJAMENT

3748. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jelenka l-NGOs li jipprovdu servizzi permezz ta' finanzjament mill-Ministeru, u jispeċifika s-servizzi u l-ammonti mħallsa lil kull waħda fl-aħħar sentejn?

19/10/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni kif mitluba ma tkunx tista' tingħabar minħabba n-natura sensittiva tagħha.

Seduta Numru 30
02/11/2026

NGOS – SERVIZZI – PERSUNI LI BBENEFIKAW

3749. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni bbenefikaw minn servizzi mogħtija mill-NGOs li rċevew finanzjament mill-Ministeru fl-aħħar sentejn, maqsuma skont l-NGO, is-servizz u s-sena?

19/10/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni kif mitluba ma tkunx tista' tingħabar minħabba n-natura sensittiva tagħha.

Seduta Numru 30
02/11/2026

KOLLABORAZZJONI MA' NGOS

3750. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jelenka l-NGOs li l-Ministeru qed jikkollabora magħhom u jispeċifika s-servizzi mogħtija minn kull waħda?

19/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tingħabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS

3751. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti rendikont tal-finanzjament mogħti lil NGOs fl-aħħar sentejn, maqsum skont l-NGO, l-għan u s-sena?

19/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tingħabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

SAN ĠILJAN U L-BELT VALLETTA – TOURISM COMMUNITY SUPPORT – RAPPORT

3782. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rapport dettaljat dwar il-proġett pilota ta' Tourism Community Support li qed jopera f'San Ġiljan u l-Belt Valletta, inkluż in-numru ta' lmenti riċevuti, il-miżuri implimentati, in-nefqa magħmula u r-riżultati miksuba sal-lum?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett pilota Tourism Community Support fil-Belt Valletta u fis-Swieqi huwa intiż sabiex isaħħaħ il-monitoraġġ, l-infurzar u l-koordinazzjoni bejn l-entitajiet konċernati, bil-għan li jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv kwistjonijiet relatati mal-attività turistika u l-impatt fuq il-komunitajiet lokali.
Dan il-proġett pilota kien jikkonsisti f'numru ta' inizjattivi minn diversi Ministeri u li s'issa għadu mhux konkluż. Ir-rwol tal-MTA f'dan il-proġett kien jiffoka fuq finanzjament fis-sistemi tal-monitoraġġ (CCTV) lill-Kunsill Lokali tas-Swieqi u sistema esperimentali ta' sound level monitoring fil-Belt Valletta.

L-MTA kienet ukoll involuta f'inizjattivi ta' infurzar kemm fis-Swieqi, kif ukoll fil-Belt Valletta, fejn saru mijiet ta' spezzjonijiet f'postijiet t'akkomodazzjoni turistika.
Aktar dettalji jkunu jistgħu jingħataw ġaladarba il-proġett pilota jkun konkluż.

Seduta Numru 30
02/11/2026

TOURISM COMMUNITY SUPPORT – ESTENSJONI

3783. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-proġett pilota ta' Tourism Community Support hux se jiġi estiż għal lokalitajiet turistiċi oħra u, jekk iva, jelenka dawn il-lokalitajiet u t-timetable għall-implimentazzjoni?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett pilota Tourism Community Support jinvolvi numru ta' Ministeri li qed jikkollaboraw flimkien fuq numru ta' inizjattivi sabiex jilħqu l-miri tal-proġett.
L-intenzjoni tal-Gvern hija li dan il-proġett jiġi estiż għal lokalitajiet oħra ġaladarba jiġi konkluż il-proġett pilota u jsiru l-evalwazzjonijiet neċessarji.

Seduta Numru 30
02/11/2026

SHORT-TERM RENTALS – STABBILIMENTI LIĊENZJATI

3784. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm stabbilimenti liċenzjati ta' akkomodazzjoni turistika għal żmien qasir (short-term rentals) li bħalissa qed joperaw f'Malta u Għawdex, maqsuma skont il-lokalità?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2074.

Seduta Numru 30
02/11/2026

SHORT-TERM RENTALS MINGĦAJR LIĊENZJA TAL-MTA

3785. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew identifikati proprjetajiet li kienu qed joperaw bħala akkomodazzjonijiet turistiċi għal żmien qasir (short-term rentals) mingħajr liċenzja tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) matul l-2025 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm ittieħdu azzjonijiet ta' infurzar u kemm ġew sospiżi jew revokati liċenzji?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul is-sena 2025 l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu identifikat 58 proprjetà li kienu qed joperaw bħala akkomodazzjonijiet turistiċi għal żmien qasir (short-term rentals) mingħajr il-liċenzja meħtieġa. B'rabta ma' dawn il-każijiet ittieħdu azzjonijiet ta' infurzar u nħarġu 116-il multa amministrattiva li jinkludu nuqqasijiet oħra.
Matul is-sena 2026 sal-ġurnata li fiha qed tingħata din it-tweġiba ġew identifikati 70 proprjetà li kienu qed joperaw mingħajr il-liċenzja meħtieġa filwaqt li nħarġu 155 multa amministrattiva.

Seduta Numru 30
02/11/2026

REGOLAMENTI DWAR L-AKKOMODAZZJONI TURISTIKA TAL-2026 – SHORT-TERM RENTALS

3786. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjanijiet sabiex ir-Regolamenti dwar l-Akkomodazzjoni Turistika tal-2026 japplikaw ukoll għal units ta' akkomodazzjoni turistika għal żmien qasir (short-term rentals), li kienu jeżistu diġà fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-Regolamenti?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-Regolamenti dwar l-Akkomodazzjoni Turistika tal-2026 li daħlu fis-seħħ fil-15 ta' Ġunju 2026, diġà japplikaw għall-units kollha ta' akkomodazzjoni turistika għal żmien qasir, inklużi dawk li kienu diġà liċenzjati qabel din id-data.

Seduta Numru 30
02/11/2026

REGOLAMENTI DWAR L-AKKOMODAZZJONI TURISTIKA TAL-2026 – APPLIKAZZJONIJIET GĦAL LUKANDI ĠODDA/ESTENSJONIJIET TA' LUKANDI

3787. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew riċevuti applikazzjonijiet għal lukandi ġodda jew estensjonijiet ta' lukandi, mill-introduzzjoni tar-Regolamenti dwar l-Akkomodazzjoni Turistika tal-2026, u kemm minn dawn ma jaqgħux taħt il-kriterji l-ġodda?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li mid-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti dwar l-Akkomodazzjoni Turistika tal-2026, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu rċeviet żewġ applikazzjonijiet għal lukandi ġodda, u żewġ applikazzjonijiet għal estensjonijiet. L-applikazzjonijiet kollha jikkonformaw mal-kriterji l-ġodda stabbiliti.

Seduta Numru 30
02/11/2026

ĦAŻ-ŻABBAR – TRIQ IL-KAPUĊĊINI – SALIB IT-TOROQ

3839. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3020 u jgħid kemm ġew irreġistrati inċidenti tat-traffiku din is-sena fi Triq il-Kapuċċini, Ħaż-Żabbar, b'mod partikolari fiż-żona ta' salib it-toroq li tgħaqqad Triq il-Kapuċċini mat-toroq tal-inħawi ta' Sant'Andrija? Jista' jgħid ukoll jekk sarux studji jew risk assessment dwar is-sigurtà ta' dan is-salib it-toroq, u x'miżuri konkreti ttieħdu jew qed jiġu kkunsidrati sabiex titjieb is-sigurtà f'dan il-punt, inkluż jekk hemmx pjanijiet għal tibdil fit-toroq, fis-sinjali tat-traffiku, markings, traffic calming, dawl jew miżuri oħra ta' prevenzjoni?

20/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nitlob lill-Onor. Interpellant tispeċifika l-post eżatt fi Triq il-Kapuċċini li għalih qed tirreferi, billi timmarkah fuq pjanta tas-sit (site map)

Seduta Numru 30
02/11/2026

PJAZZA TA' ĦAL TARXIEN – ĊERIMONJA TAL-INAWGURAZZJONI – SPIŻA TOTALI

3840. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3594 u jgħid kemm kienet l-ispiża totali taċ-ċerimonja uffiċjali tal-inawgurazzjoni tal-Pjazza ta' Ħal Tarxien li saret fl-2026?

20/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

ĦAL QORMI – TRIQ IL-VITORJA – XOGĦLIJIET

3899. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Fid-dawl tal-istat ħażin f'partijiet minn Triq il-Vitorja, f'Ħal Qormi, tista' l-Ministru tgħid meta hu ppjanat li jibda x-xogħol f'din l-istess triq?

20/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħalissa Infrastructure Malta għaddejja b'diskussjonijiet mal-Enemalta rigward it-tisħiħ fid-distribution network f'Ħal Qormi, li abbażi tagħhom ser ikun hemm pjan ħolistiku ta' xogħlijiet f'Ħal Qormi.

Seduta Numru 30
02/11/2026

ĦAL QORMI – TRIQ IL-BELT VALLETTA – XOGĦLIJIET

3900. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Fid-dawl tal-istat ħażin f'partijiet ta' Triq il-Belt Valletta, f'Ħal Qormi, tista' l-Ministru tgħid meta hu ppjanat li jibda x-xogħol f'din l-istess triq?

20/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3896.

Seduta Numru 30
02/11/2026

ĦAL QORMI – TRIQ SAN EDWARDU – XOGĦLIJIET

3901. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Fid-dawl tal-istat ħażin f'partijiet minn Triq San Edwardu, f'Ħal Qormi, tista' l-Ministru tgħid meta hu ppjanat li jibda x-xogħol f'din l-istess triq?

20/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3897.

Seduta Numru 30
02/11/2026

ĦAL QORMI – TRIQ IL-ĦAMMIERI – XOGĦLIJIET

3902. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Fid-dawl tal-istat ħażin f'partijiet minn Triq il-Ħammieri, f'Ħal Qormi, tista' l-Ministru tgħid meta hu ppjanat li jibda x-xogħol f'din l-istess triq?

20/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3898.

Seduta Numru 30
02/11/2026

ĦAL QORMI – TRIQ IL-VITORJA – XOGĦLIJIET

3903. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Fid-dawl tal-istat ħażin f'partijiet minn Triq il-Vitorja, f'Ħal Qormi, tista' l-Ministru tgħid meta hu ppjanat li jibda x-xogħol f'din l-istess triq?

20/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3899.

Seduta Numru 30
02/11/2026

IS-SIĠĠIEWI – TRIQ BLAT IL-QAMAR – XOGĦLIJIET

3904. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti d-dettalji tax-xogħol li se jkun qed isir fi Triq Blat il-Qamar fis-Siġġiewi?

20/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, wara t-tlestija tax-xogħlijiet fi Triq Bur il-Kbir fis-Siġġiewi u l-ftuħ tat-triq għat-traffiku, il-prijorità li jmiss hija li titkompla l-implimentazzjoni tal-proġetti skedati taħt l-inizjattiva Vjal Kulħadd.
Sussegwentement, Infrastructure Malta terġa' tagħmel il-koordinazzjoni meħtieġa sabiex jiġi stabbilit l-aħjar żmien biex jibdew ix-xogħlijiet fi Triq Blat il-Qamar, filwaqt li jitqiesu l-prijoritajiet u l-iskeda tax-xogħlijiet infrastrutturali ppjanati.

Seduta Numru 30
02/11/2026

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - APPLIKAZZJONIJIET APPROVATI - FONDI

3922. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1795 u 3146 u jgħid x'inhu l-ammont ta' fondi miġbura mill-Awtorità tal-Ippjanar mill-applikazzjonijiet li ġew approvati fil-passat? Jista' jgħid ukoll kemm huma l-fondi għal kull lokalità f'Malta u f'Għawdex u kemm kienu f'Diċembru 2024 u f'Diċembru 2025? Jista' jieħu l-passi neċessarji biex jinbidlu l-kriterji li fuqhom il-kunsilli lokali jistgħu jaċċessaw dawn il-fondi biex bihom ikunu jistgħu jwettqu bosta xogħlijiet li sal-lum mhux permess li jwettqu skont il-kriterji ta' użu ta' dawn il-fondi?

21/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

ALLIED HEALTH PROFESSIONALS - ĦLASIJIET GĦAL SIGĦAT ŻEJDA

3955. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3199 u jgħid meta ser jitħallsu l-Allied Health Professionals li qed jaħdmu sigħat żejda barra l-ħin tagħhom biex jinqatgħu l-listi ta' stennija? Jista' jgħid ukoll għaliex, minkejja li dan ix-xogħol beda fil-bidu tas-sena, sal-lum dawn il-professjonisti għadhom ma tħallsux?

21/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

WIED IL-QLEJGĦA – TINDIF

3956. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3279, tista' l-Ministru tgħid jekk saritx investigazzjoni dwar il-materjal li nstab f'għalqa privata f'Wied il-Qlejgħa? Tista' tgħid ukoll jekk sarx it-tindif ta' dan il-materjal, fid-dawl tal-fatt li jinsab fil-parti fejn tgħaddi n-nixxiegħa tal-ilma f'dan il-wied?

21/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) għamlet spezzjoni fis-sit u ġie nnutat munzell ta' materjal konsistenti f'ħamrija b'ġebel imdaqqas f'għalqa biswit il-Wied. Il-materjal ma jidhirx li hu skart però f'dan l-istadju l-ERA se tkompli tinvestiga.

Seduta Numru 30
02/11/2026

UNIFORMIJIET - TENDER

4054. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3292 u jgħid sa kemm huwa validu t-tender tal-uniformijiet preżenti?

22/10/2026

ONOR. IAN BORG: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jispeċifika għal liema tender qiegħed jirreferi.

Seduta Numru 30
02/11/2026

KAŻIJIET TA' MOLES

4055. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3294 u jgħid kemm kien hemm każijiet ta' għazz (moles) li tneħħew minħabba li kien hemm riskju ta' kanċer, kemm minnhom kienu kanċer u kemm minnhom kienu severely dysplastic?

22/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2025 sal-10 ta' Ottubru 2026, tneħħew 2,300 għazz. Dawn jinkludu 275 każ ta' 'dysplastic naevi'. Din iċ-ċifra tinkludi l-każijiet kollha ta' 'dysplastic naevi' u ma tagħmilx distinzjoni bejn il-livelli differenti ta' displasja.
Huwa importanti li jiġi nnotat li dawn iċ-ċifri huma approssimattivi. Barra minn hekk, l-għazz jistgħu jitneħħew għal diversi raġunijiet u mhux neċessarjament minħabba riskju ta' kanċer.

Seduta Numru 30
02/11/2026

RIFERTI GĦAL MOLE MAPPING

4056. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3295 u jgħid kemm kien hemm riferti għal mole mapping f'dawn l-aħħar ħames snin u x'kien il-perjodu ta' stennija, maqsuma sena b'sena?

22/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li t-taqsima tal-Illustrazzjoni Medika (Medical Illustration Unit), fi ħdan l-isptar Mater Dei, rċeviet għadd ta' talbiet għall-immappjar tal-għazz (mole mapping), tul dawn l-aħħar 5 snin, kif ġej:

Sena	Numru ta' pazjenti riferuti
2022	82
2023	96
2024	110
2025	155
2026 (sat-22 ta' Ottubru)	155

Seduta Numru 30
02/11/2026

PALAZZ TA' SELMUN – RESTAWR

4065. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid fiex waslu l-pjanijiet tal-Gvern biex isir ir-restawr tal-Palazz ta' Selmun? Jista' jgħid ukoll x'sar s'issa biex jiġi assigurat li t-tenders neċessarji jiġu ppubblikati/aġġudikati?

22/10/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-preparamenti sabiex tkun ippubblikata s-sejħa pubblika jinstabu fi stadju avvanzat.

Seduta Numru 30
02/11/2026

SELMUN PALACE HOTEL

4066. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proċess biex Selmun Palace Hotel ma tibqax abbandunata u x'tip ta' sigurtà hemm ipprovduta preżentement f'din l-istess lukanda?

22/10/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 30
02/11/2026

SPEED CAMERAS – KALIBRAZZJONI

4067. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2957 fl-intier tagħha u jgħid meta l-aħħar li ġew kalibrati kull waħda mill-ispeed cameras imsemmija fl-istess tweġiba?

22/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

MDIA – IMPJEGATI FULL-TIME

4132. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' impjegati full-time fi ħdan il-Malta Digital Innovation Authority (MDIA) li jaħdmu f'kull waħda mill-kategoriji professjonali li ġejjin:
i. Ekonomisti;
ii. Avukati;
iii. Accountants;
iv. IT Professionals; u
v. Inġiniera?

22/10/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' impjegati full-time fi ħdan il-Malta Digital Innovation Authority (MDIA) li jaħdmu f'kull waħda mill-kategoriji professjonali li ġejjin, huma dawn:
i. Ekonomisti; 1
ii. Avukati; 4
iii. Accountants; 2
iv. IT Professionals; 13
v. Inġiniera: 1

Seduta Numru 30
02/11/2026

TENDERS GĦAL SINJALI TAT-TRAFFIKU – KUMPANIJI/KOPERATTIVI – ĦLASIJIET

4192. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallset kull waħda mill-kumpaniji/koperattivi li ngħataw tenders biex jipprovdu sinjali tat-traffiku matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

23/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

TRANSPORT MALTA – SINJALI TAT-TRAFFIKU – SPEZZJONIJIET

4193. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk f'dawn l-aħħar ħames snin qatt sarux spezzjonijiet biex ikun żgurat li s-sinjali tat-traffiku li tqiegħdu huma konformi mal-istandards mitluba minn Transport Malta? Jekk iva, jista' jgħid x'irriżulta minn dawn l-ispezzjonijiet?

23/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

TENDERS GĦAL SINJALI TAT-TRAFFIKU – KUMPANIJI/KOPERATTIVI – KSUR TAL-KUNTRATTI

4194. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk f'dawn l-aħħar ħames snin qatt ittieħdux passi kontra l-kumpaniji/koperattivi li ngħataw tenders biex jipprovdu sinjali tat-traffiku għal xi ksur tal-kuntratti?

23/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

XOGĦLIJIET PUBBLIĊI MWETTQA

4195. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tagħti rendikont tax-xogħlijiet pubbliċi li twettqu matul l-aħħar tliet snin, sal-aħħar ta' Settembru 2026, maqsuma sena b'sena u lokalità b'lokalità?

23/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet pubbliċi mwettqa matul l-aħħar tliet snin kienu jinkludu diversi interventi ta' manutenzjoni, titjib, tisbiħ u riġenerazzjoni f'diversi lokalitajiet madwar il-pajjiż.
Dawn l-interventi saru bħala parti mill-ħidma kontinwa sabiex titjieb l-infrastruttura pubblika, l-ambjent urban u l-kwalità tal-ħajja tar-residenti, filwaqt li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet li jinqalgħu minn żmien għal żmien fil-komunitajiet differenti.

Il-ħidma tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi hija waħda kontinwa u tinvolvi interventi li jkunu jinsabu fi stadji differenti ta' ppjanar u implimentazzjoni, skont in-natura, il-kumplessità u l-ħtiġijiet ta' kull proġett. Din il-ħidma ssir ukoll b'koordinazzjoni mal-kunsilli lokali u mal-entitajiet konċernati, filwaqt li jitqiesu l-prijoritajiet identifikati.
Il-progress tal-interventi jiġi segwit kontinwament, filwaqt li l-perjodu ta' implimentazzjoni u t-tlestija ta' kull proġett jiddependu minn diversi fatturi tekniċi, amministrattivi u operattivi, bl-għan ewlieni jibqa' li x-xogħlijiet jitwettqu bl-aktar mod effiċjenti u fl-aħjar interess tal-komunitajiet konċernati.

Seduta Numru 30
02/11/2026

XOGĦLIJIET PUBBLIĊI PENDENTI

4196. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet pubbliċi għadhom pendenti, maqsuma lokalità b'lokalità, u tispeċifika kemm ilhom pendenti f'kull każ?

23/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ġentilment nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4195.

Seduta Numru 30
02/11/2026

XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – PROĠETTI

4197. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet pubbliċi għaddejjin bħalissa, maqsuma lokalità b'lokalità, u għal kull proġett tispeċifika meta beda, kemm ilu għaddej ix-xogħol u meta ser jitlesta?

23/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ġentilment nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4195.

Seduta Numru 30
02/11/2026

KUNSILLI LOKALI – PROĠETTI LI TWETTQU TAĦT IL-FTEHIM PREĊEDENTI

4198. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-123 proġett li twettqu taħt il-ftehim preċedenti mal-Kunsilli Lokali, u għal kull wieħed tagħti l-isem tal-proġett, il-lokalità, l-ispiża, id-data tat-tlestija u min wettaq ix-xogħol? Tista' wkoll tindika liema minn dawn il-proġetti kienu mitluba mill-kunsilli lokali rispettivi?

23/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ġentilment nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4195.

Seduta Numru 30
02/11/2026

IL-MOSTA U Ħ'ATTARD – SKEJJEL PRIMARJI STATALI – OUTINGS

4242. L-ONOR. FRANCESCA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jelenka x'tip ta' ħruġ, ossia outings, edukattivi saru matul is-sena skolastika li għaddiet u dawk pjanati għal dik preżenti, għall-istudenti fl-iskejjel primarji statali ġewwa l-Mosta u Ħ'Attard, b'referenza partikolari għal outings kulturali?

26/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li jsiru diversi ħarġiet b'għanijiet edukattivi importanti, fosthom dawk marbuta mal-kultura, ix-xjenza u l-isport. Fost oħrajn, saru u se jsiru dawn it-tip ta' ħarġiet: fieldwork tas-Social Studies fl-Imdina, Marsaxlokk, il-Belt Valletta, Ħaġar Qim u l-pjazza tal-Mosta u l-inħawi ta' madwarha; is-Science Fair; żjarat lil Buskett u lis-Simar; eżerċizzju ta' tranżizzjoni fis-Skola Medja tan-Naxxar; żjara fl-Akkwarju; Maths Trails fil-Birgu u f'San Anton; trekking fil-Ħad-Dingli; il-ħarġa tal-Matematika u x-Xjenza "X'Hemm l-Imdina?"; żjara fi Xrobb l-Għaġin; żjara fil-Forti Sant'Anġlu fil-Birgu; il-Handball Tournament, l-MSG Basketball Tournament u l-Boys Football Tournament; il-Kwiżż RTK tar-rivista Sagħtar; il-Pantomime tal-Milied; żjara fl-Esplora; fieldwork tax-Xjenza fil-Ġnien Victor Calvagna; żjara fix-xelter tal-gwerra u fil-koppla tar-Rotunda tal-Mosta; kif ukoll diversi żjarat marbuta mal-Ġimgħa l-Kbira fil-Birgu u fil-Mosta.

Seduta Numru 30
02/11/2026

BIRKIRKARA – KNISJA TA' SANTA MARIJA – XOGĦOL TA' RESTAWR

4243. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jibda x-xogħol ta' restawr mid-Direttorat tar-Restawr fil-Knisja l-Qadima (iddedikata lil Santa Marija) f'Birkirkara, skont il-ftehim iffirmat bejn il-Gvern u l-Knisja lura għad-9 ta' Mejju tal-2020 mill-Ministru ta' dak iż-żmien?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant lix-xogħol preparatorju ta' monitoraġġ u studju biex jiġi iddeterminat x'qed jikkawża il-ħsara fil-Knisja ta' Santa Marija f'Birkirkara sar b'kollaborazzjoni bejn id-Dipartiment tar-Restawr u l-Preservazzjoni u l-espert ġeotekniku imqabbad mill-Kurja. Bħalissa qed jiġu iffinalizzati t-tħejjijiet bil-għan li jinbeda l-ewwel fażi tal-intervent ta' konsolidament fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta Numru 30
02/11/2026

VALLETTA MANAGEMENT PLAN

4244. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid:
i. x'inhi l-ħidma involuta mill-Valletta Management Plan;
ii. taħt min taqa' r-responsabbiltà tiegħu;
iii. x'koordinament hemm bejn il-Valletta Management Plan u l-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta; u
iv. kemm għandu Valletta Stewards ingaġġati, x'inhu r-rwol tagħhom, x'rendikont jagħtu u lil min?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Valletta Management Plan Unit twaqqaf sabiex ikun ta' sostenn għall-istakeholders li jikkordinaw ħidma fil-Belt Valletta fosthom, il-Kunsill Lokali. Il-Valletta Stewards huma mmexxija minn żewġ TeamLeaders, li jaraw li l-ħidma hija waħda koordinata.

Seduta Numru 30
02/11/2026

TILQIM TAL-INFLUWENZA

4245. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm wasal tilqim tal-influwenza f'Malta, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

26/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li l-Ministeru għas-Saħħa għandu biżżejjed doża tat-tilqima kontra l-influwenza sabiex ikopri l-ammonti meħtieġa għall-kampanja ta' din is-sena. Nieħu l-okkażjoni sabiex inħeġġeġ lill-Onor. Interpellant, kif ukoll lill-pubbliku inġenerali, sabiex ukoll jieħu t-tilqima.

Seduta Numru 30
02/11/2026

IL-MELLIEĦA – FAĊILITÀ GĦAT-TRATTAMENT TAL-ISKART AGRIKOLU – GĦAŻLA TAS-SIT

4254. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jagħti r-raġunijiet għaliex intgħażlet iż-żona tal-Qammiegħ, fil-Mellieħa, għall-bini tal-Faċilità Nazzjonali għat-Trattament tal-Iskart Agrikolu, u liema siti alternattivi ġew ikkunsidrati?

26/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

IL-MELLIEĦA – FAĊILITÀ GĦAT-TRATTAMENT TAL-ISKART AGRIKOLU – TEĦID TA' ART AGRIKOLA

4255. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se tittieħed art agrikola għall-bini tal-Faċilità Nazzjonali għat-Trattament tal-Iskart Agrikolu fil-Qammiegħ, u jekk iva, kemm?

26/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

IL-MELLIEĦA – FAĊILITÀ GĦAT-TRATTAMENT TAL-ISKART AGRIKOLU – IMPATT FUQ IT-TRAFFIKU

4256. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa stmat li se jiżdiedu l-vjaġġi ta' trakkijiet kuljum minn u lejn il-faċilità proposta għat-Trattament tal-Iskart Agrikolu fil-Qammiegħ?

26/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

IL-MELLIEĦA – FAĊILITÀ GĦAT-TRATTAMENT TAL-ISKART AGRIKOLU – ROTOT TAT-TRAKKIJIET

4257. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid liema rotot se jużaw it-trakkijiet li se jservu l-faċilità proposta għat-Trattament tal-Iskart Agrikolu fil-Qammiegħ?

26/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

IL-MELLIEĦA – FAĊILITÀ GĦAT-TRATTAMENT TAL-ISKART AGRIKOLU – STUDJU DWAR L-IMPATT FUQ IT-TRAFFIKU

4258. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx studju dwar l-impatt tat-traffiku addizzjonali li se tiġġenera l-faċilità proposta għat-Trattament tal-Iskart Agrikolu fil-Qammiegħ fuq it-toroq tal-Mellieħa, u jekk iva, iqiegħed kopja tiegħu fuq il-Mejda tal-Kamra?

26/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

IL-MELLIEĦA – FAĊILITÀ GĦAT-TRATTAMENT TAL-ISKART AGRIKOLU – IMPATT AMBJENTALI

4259. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarux studji dwar l-impatt tal-faċilità proposta għat-Trattament tal-Iskart Agrikolu fil-Qammiegħ fuq il-kwalità tal-arja, l-istorbju u l-irwejjaħ?

26/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

OPERAT TA' IMPJANT - SPEZZJONIJIET/INVESTIGAZZJONIJIET

4269. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1959, tista' l-Ministru tgħid jekk l-operatur tal-impjant inkwistjoni għandux il-permessi u l-awtorizzazzjonijiet ambjentali meħtieġa skont il-liġi, f'liema stadju jinsab il-proċess għall-ħruġ tal-permess ambjentali, u liema miżuri konkreti ntalab jimplimenta l-operatur sabiex jiġu evitati jew imnaqqsa rwejjaħ u emissjonijiet mill-operat tiegħu? Tista' tgħid ukoll jekk ġiex stabbilit terminu għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri?

26/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: B'żieda mat-tweġiba li tajtha għall-mistoqsija parlamentari 1959, ninforma lill-Onor. Interpellant li l-impjant inkwistjoni ngħata clearance mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) fit-2 ta' Frar 2026. Il-clearance hija valida għal erba' snin, u l-operatur irid japplika għal permess ambjentali matul dan il-perjodu.
Il-clearance tinkludi kundizzjoni li permezz tagħha l-operatur meħtieġ jissottometti, fi żmien tliet xhur, rapport li jidentifika s-sorsi t'emissjonijiet u rwejjaħ mill-operat tiegħu u x'miżuri huma proposti biex dawn jiġu indirizzati, kif ukoll it-terminu ta' żmien għat-twettiq ta' kull miżura proposta. Ir-rapport mitlub ġie sottomess u l-ERA talbet lill-operatur jindirizza xi aspetti indikati fir-rapport li ma kenux għas-sodisfazzjon tal-Awtorità.

Seduta Numru 30
02/11/2026

IS-SWIEQI, PEMBROKE U SAN ĠILJAN - STAZZJONIJIET TA' MONITORAĠĠ TAL-KWALITÀ TAL-ARJA

4270. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1961, tista' l-Ministru tgħid jekk l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) hix qed tikkunsidra li twettaq monitoraġġ aktar immirat u kontinwu tal-kwalità tal-arja fiż-żona tas-Swieqi, Pembroke u San Ġiljan, b'mod partikolari matul il-ħinijiet ta' filgħaxija u billejl, sabiex jiġu identifikati u evalwati l-irwejjaħ u l-emissjonijiet attribwiti lill-impjant inkwistjoni? Tista' tgħid ukoll liema sustanzi li jniġġsu, minbarra l-benzin, ġew imkejla jew ser jiġu mkejla, u jekk ir-riżultati tal-monitoraġġ humiex ser jiġu ppubblikati b'mod regolari għall-informazzjoni tar-residenti?

26/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'żieda mat-tweġibiet mogħtija għall-mistoqsijiet parlamentari 1958 u 1961, is-sustanzi li ġew imkejla huma dawk relevanti għall-każ u kif regolati mid-Direttiva tal-Unjoni Ewropea. Ir-riżultati minn Novembru 2023 s'Awwissu 2026 indikaw livelli ta' benzin taħt il-limiti stabbiliti fid-direttiva. Abbażi tal-evidenza disponibbli, l-ERA tqis li l-monitoraġġ li sar huwa adegwat.

Seduta Numru 30
02/11/2026

KORPORAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TAL-ILMA - STABBILIMENTI INDUSTRIJALI U KUMMERĊJALI - SPEZZJONIJIET

4271. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2461, tista' l-Ministru tgħid kemm saru spezzjonijiet u kemm ittieħdu kampjuni ta' skart likwidu minn stabbilimenti industrijali u kummerċjali mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma matul is-sena 2025 u mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm minn dawn l-ispezzjonijiet jew kampjuni żvelaw ksur tal-limiti legali jew kundizzjonijiet imposti, u x'miżuri ta' infurzar ittieħdu f'dawn il-każijiet?

26/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li fis-sena 2025 saru 3,508 spezzjoni, inġabru 450 kampjun u nħarġu 348 NTC (Notice to comply) li jinkludu fost affarijiet oħrajn eċċedenzi kimiċi ta' kampjuni, nuqqasijiet ta' dokumentazzjoni u twaqqif ta' prattiċi jew bżonn ta' modifikazzjonijiet interni mill-operaturi. Filwaqt li fis-sena 2026 sal-Ġimgħa 23 t'Ottubru, saru 2,709 spezzjoni, inġabru 657 kampjun u nħarġu 510 NTC. Apparti minn hekk, inħarġu wkoll 49 ittra legali fl-2025 u 60 oħra din is-sena.

Seduta Numru 30
02/11/2026

STABBILIMENTI - SKART KIMIKU/TOSSIKU - SPEZZJONIJIET

4272. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2463, tista' l-Ministru tgħid kemm mis-760 Notice to Comply u l-110 ittra legali maħruġa bejn l-2023 u l-2025 kienu jirrigwardaw rimi ta' skart likwidu b'parametri kimiċi li jaqbżu l-limiti legali, kemm minn dawn il-każijiet ġew regolarizzati mill-operaturi kkonċernati, u jekk kienx hemm każijiet fejn, minħabba nuqqas ta' konformità jew ksur ripetut, ittieħdu aktar passi ta' infurzar?

26/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li mill-ispezzjonijiet li saru bejn l-2023 u l-2025, ġew identifikati 249 każ ta' rimi ta' skart likwidu b'parametri kimiċi li jaqbżu l-limitu legali. Minn dawn, 200 każ ġew regolarizzati mill-operaturi. Fuq il-każi l-oħrajn inħarġu ittri legali.

Seduta Numru 30
02/11/2026

PRODUZZJONI TAD-DRENAĠĠ - ŻIEDA KONTINWA FIL-VOLUM TA' ILMA MORMI

4273. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2464, tista' l-Ministru tgħid jekk il-kapaċità attwali tal-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ u tan-network tad-drenaġġ f'Malta hijiex biżżejjed biex tlaħħaq mal-volum attwali u dak proġettat ta' ilma mormi, fid-dawl taż-żieda fil-kostruzzjoni u fl-iżvilupp residenzjali? Tista' tgħid ukoll jekk sarux studji dwar l-impatt ta' dan it-tkabbir fuq il-kapaċità tal-infrastruttura, b'mod partikolari f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni bħal Tas-Sliema, u liema investimenti konkreti huma ppjanati biex tiġi evitata pressjoni żejda fuq is-sistema?

26/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-infrastruttura eżistenti għall-ġbir u t-trattament tad-drenaġġ qiegħda tlaħħaq mad-domanda attwali. Fid-dawl tat-tkabbir proġettat fid-domanda, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qed timplimenta programm ta' titjib biex tkompli żżid il-kapaċità tat-trattament tad-drenaġġ. L-investiment ippjanat ma jindirizzax biss il-kapaċità tal-impjanti tat-trattament, iżda wkoll il-kapaċità tan-network tal-ġbir u d-distribuzzjoni, inkluż f'żoni fejn id-domanda u d-densità huma ogħla. Fil-qafas tal-aġġornament tal-Pjan Nazzjonali ta' Investiment għas-Servizzi tal-Ilma 2026-2036, hemm ippjanati madwar €106 miljun f'investimenti fl-infrastruttura tat-trattament tad-drenaġġ u madwar €145 miljun fin-network tad-drenaġġ. Dawn jinkludu titjib fl-impjanti ta' Iċ-Ċumnija f'Għawdex, ta' Sant' Antnin u Ta' Barkat, kif ukoll tiġdid u estensjoni ta' mejnijiet ewlenin u infrastruttura oħra tan-network sabiex tiżdied il-kapaċità tal-ġbir u tat-trasport u titnaqqas l-infiltrazzjoni tal-baħar f'ċerti nħawi mal-kosta.
L-aġġornament tal-Pjan Nazzjonali ta' Investiment tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li b'kollox jammonta għal €400 miljun, li jiġbor dawn l-interventi f'qafas wieħed ta' investiment fit-tul, huwa mmirat li jiġi finalizzat sal-aħħar tas-sena.

Seduta Numru 30
02/11/2026

KEMMUNA - PERMESS TA' ŻVILUPP - PROĊEDURI LEGALI

4274. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba fil-mistoqsija parlamentari 2465, u minkejja li l-proċeduri dwar il-permess ta' żvilupp PA/04777/20 għadhom pendenti quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, jista' l-Ministru jgħid jekk, il-permess għadux fis-seħħ u jekk ix-xogħlijiet relatati miegħu jistgħux legalment jinbdew jew jitkomplew? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx xi ordni ta' sospensjoni jew miżuri oħra fis-seħħ sabiex jiġi evitat li jsir żvilupp irriversibbli f'Kemmuna qabel ma t-Tribunal jerġa' jiddeċiedi l-każ?

26/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninsab infurmat li fir-rigward tal-permess imsemmi għadha pendenti proċedura ta' appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Fid-dawl tal-fatt li l-proċeduri għadhom pendenti quddiem il-fora kompetenti, ma jkunx xieraq jew prudenti li jsir kwalunkwe kumment ulterjuri f'dan l-istadju.

Seduta Numru 30
02/11/2026

SERVIZZ TA' RIFERIMENT LEJN SPTARIJIET PRIVATI – PAZJENTI LI BBENEFIKAW

4293. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm ibbenefikaw pazjenti mis-servizz li permezz tiegħu pazjenti b'każijiet ta' emerġenza mhux ikkumplikati kienu jiġu riferuti lejn sptarijiet privati, minn meta ġie introdott dan is-servizz f'Jannar 2025? Jista' jgħid ukoll f'liema data ġie sospiż dan is-servizz u x'kienu r-raġunijiet għal din is-sospensjoni?

26/10/2026

ONOR. IAN BORG: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-istqarrija pubblika PR261792 datata 24 ta' Ottubru 2026 li tinsab fuq is-sit elettroniku www.doi.gov.mt

Seduta Numru 30
02/11/2026

L-IMTARFA - BINJA QLEJGĦA - KUMPLESS TA' GARAXXIJIET - XOGĦLIJIET TA' TISWIJA

4376. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid f'liema data bdew ix-xogħlijiet ta' tiswija tas-soqfa tal-kumpless ta' garaxxijiet ta' Binja Qlejgħa, fl-Imtarfa, f'liema data waqfu dawn ix-xogħlijiet, u għal liema raġuni waqfu?

26/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

L-IMTARFA - BINJA QLEJGĦA - KUMPLESS TA' GARAXXIJIET - XOGĦLIJIET TA' TISWIJA

4377. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid meta hu mistenni li jerġgħu jibdew ix-xogħlijiet ta' tiswija tas-soqfa tal-kumpless ta' garaxxijiet ta' Binja Qlejgħa, fl-Imtarfa, u sa meta huma mistennija jitlestew?

26/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

L-IMTARFA - BINJA QLEJGĦA - KUMPLESS TA' GARAXXIJIET - XOGĦLIJIET TA' TISWIJA

4378. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 29677 tal-Erbatax-il Leġiżlatura, jista' l-Ministru jgħid f'liema data ġie ffirmat il-ftehim bejn l-Awtorità tad-Djar u Infrastructure Malta għat-tiswija tas-soqfa tal-kumpless ta' garaxxijiet ta' Binja Qlejgħa, fl-Imtarfa, u jqiegħed kopja ta' dan il-ftehim fuq il-Mejda tal-Kamra?

26/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

L-IMTARFA - BINJA QLEJGĦA - KUMPLESS TA' GARAXXIJIET - XOGĦLIJIET TA' TISWIJA

4379. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22482 tal-Erbatax-il Leġiżlatura, jista' l-Ministru jgħid x'kienet l-ispiża stmata oriġinarjament għat-tiswija tas-soqfa tal-kumpless ta' garaxxijiet ta' Binja Qlejgħa, fl-Imtarfa, x'inhi l-ispiża totali skont il-ftehim iffirmat, u għaliex żdiedet l-ispiża?

26/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

L-IMTARFA - BINJA QLEJGĦA - KUMPLESS TA' GARAXXIJIET - XOGĦLIJIET TA' TISWIJA

4380. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kif inqasmet l-ispiża tat-tiswija tas-soqfa tal-kumpless ta' garaxxijiet ta' Binja Qlejgħa, fl-Imtarfa, bejn l-Awtorità tad-Djar, Infrastructure Malta, il-Kunsill Lokali tal-Imtarfa u s-sidien tal-garaxxijiet? Jista' jgħid ukoll kemm tħallas s'issa u lil min?

26/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

L-IMTARFA - BINJA QLEJGĦA - KUMPLESS TA' GARAXXIJIET - XOGĦLIJIET TA' TISWIJA

4381. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 34052 tal-Erbatax-il Leġiżlatura, jista' l-Ministru jgħid min huma l-periti li ġew ingaġġati b'direct order għall-proġett tat-tiswija tas-soqfa tal-kumpless ta' garaxxijiet ta' Binja Qlejgħa, fl-Imtarfa, f'liema data ngħatat id-direct order, u x'inhu l-valur tagħha?

26/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

PREVENZJONI TA' SUWIĊIDJI – MIŻURI

4383. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3725 u 3924 u jgħid x'miżuri konkreti qed jittieħdu biex tissaħħaħ il-prevenzjoni tas-suwiċidju f'Malta u Għawdex? Jista' jgħid ukoll kemm persuni jinsabu attwalment fuq il-lista ta' stennija għas-servizzi tas-saħħa mentali offruti mill-Gvern, x'inhu ż-żmien medju ta' stennija għal dawn is-servizzi, u kif qed jiġi assigurat li persuni f'riskju ta' suwiċidju jingħataw għajnuna psikoloġika immedjata?

27/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li bħalissa qed tiġi implimentata l-Istrateġija Nazzjonali għall-Prevenzjoni tas-Suwiċidju 2026–2031, li għandha l-għan li ssaħħaħ l-identifikazzjoni bikrija, l-intervent f'waqtu u l-aċċess għal servizzi xierqa ta' kura u appoġġ. F'dan ir-rigward, qed jiġu implimentati diversi miżuri, fosthom qed jitħejjew programmi ta' taħriġ speċjalizzat, sensibilizzazzjoni pubblika, Helpline 1579, riċerka u monitoraġġ fost oħrajn.

Is-Servizzi Nazzjonali tas-Saħħa Mentali jiżguraw li persuni f'riskju ta' suwiċidju jingħataw assistenza professjonali f'waqtha permezz ta' sistema ta' valutazzjoni inizjali u prijoritizzazzjoni tal-każijiet skont il-livell ta' riskju u l-urġenza klinika. Dan isir permezz tas servizzi tal-Emerġenza Psikjatrika, il-linja Nazzjonali tas-Saħħa Mentali 1579 u Kontinwità tal-Kura u Appoġġ Psikoloġiku.

Seduta Numru 30
02/11/2026

RAPPORTI TA' VJOLENZA DOMESTIKA – MANDATI TA' ARREST MHUX EŻEGWITI

4384. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4047 u jgħid kemm-il mandat ta' arrest relatat ma' vjolenza domestika baqa' mhux eżegwit, għal kemm żmien, u x'miżuri ttieħdu biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà għal tali nuqqasijiet?

27/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninsab infurmat illi fil-preżent f'dawn il-gżejjer hemm għaxar (10) mandati ta' arrest relatati ma' każijiet ta' vjolenza domestika li għadhom mhux eżegwiti. Minn dawn, erba' (4) jikkonċernaw persuni Maltin u sitta (6) jikkonċernaw persuni barranin. Fir-rigward tal-persuni Maltin, tnejn jinsabu rikoverati fl-Isptar Mount Carmel (MCH) u għadhom qed jirċievu kura, persuna waħda ma setgħetx tiġi lokalizzata u ddaħħlet fis-sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), filwaqt li persuna oħra tinsab barra minn Malta. Fir-rigward tal-persuni barranin, dawn kollha jinsabu barra minn Malta u nħarġu allerti fis-sistema SIS fir-rigward tagħhom.

Seduta Numru 30
02/11/2026

RAPPORTI TA' VJOLENZA DOMESTIKA – VITTMI

4385. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4048 u jgħid kemm-il darba, fl-aħħar ħames snin, persuni li rrappurtaw vjolenza domestika sfaw vittmi ta' aggressjoni serja jew saħansitra omiċidju wara li kienu diġà talbu l-protezzjoni tal-Pulizija?

27/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Risposta tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

ID-DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET – AVVIŻI TA' INFURZAR FIL-ĠŻIRA

4386. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3881 u jgħid kemm inħarġu avviżi ta' infurzar mid-Dipartiment tal-Artijiet fil-Ġżira mill-1 ta' Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u għal kull avviż, jagħti d-data ta' meta nħareġ u n-natura tal-ksur jew il-kwistjoni li tkun qed tiġi indirizzata?

27/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 30
02/11/2026

ID-DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET – AVVIŻI TA' INFURZAR F'SAN ĠILJAN

4387. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3880 u jgħid kemm inħarġu avviżi ta' infurzar mid-Dipartiment tal-Artijiet f'San Ġiljan mill-1 ta' Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u għal kull avviż, jagħti d-data ta' meta nħareġ u n-natura tal-ksur jew il-kwistjoni li tkun qed tiġi indirizzata?

27/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 30
02/11/2026

ID-DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET – AVVIŻI TA' INFURZAR F'TAS-SLIEMA

4388. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3879 u jgħid kemm inħarġu avviżi ta' infurzar mid-Dipartiment tal-Artijiet f'Tas-Sliema mill-1 ta' Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u għal kull avviż, jagħti d-data ta' meta nħareġ u n-natura tal-ksur jew il-kwistjoni li tkun qed tiġi indirizzata?

27/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 30
02/11/2026

KAROZZI TAL-LINJA ANTIKI

4394. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2760 u 4050 u jgħid kemm mill-karozzi tal-linja antiki marbuta mas-servizz antik tat-trasport pubbliku li ġew akkwistati, riċevuti, ikkontrollati, mibjugħin jew trasferiti minn Transport Malta jew minn entità pubblika oħra mill-1 ta' Jannar 2011 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, bħalissa huma:
i. irreġistrati f'Malta jew Għawdex;
ii. liċenzjati biex jintużaw fit-toroq pubbliċi;
iii. koperti b'liċenzja għat-trasport tal-passiġġieri jew b'Malta Heritage Bus Licence;
iv. irreġistrati bħala li ntużaw fit-toroq pubbliċi matul l-aħħar 12-il xahar;
v. użati għal sightseeing tours, eskursjonijiet, tiġijiet jew attivitajiet oħra marbuta mat-turiżmu;
vi. ippreservati biss għall-wiri;
vii. qegħdin jiġu restawrati;
viii. maħżuna iżda mhux restawrati;
ix. esportati; jew
x. skrappjati?
Jista' wkoll iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra n-numru tar-reġistrazzjoni u l-klassifikazzjoni attwali ta' kull vettura?

27/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

TRASPORT PUBBLIKU - KAROZZI TAL-LINJA

4395. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2759 u 4049 u jgħid kemm-il karozza tal-linja marbuta mas-servizz antik tat-trasport pubbliku ġiet akkwistata, riċevuta, ikkontrollata, mibjugħa jew trasferita minn Transport Malta jew minn entità pubblika oħra mill-1 ta' Jannar 2011 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' dawn il-vetturi u għal kull vettura jipprovdi:
i. in-numru tar-reġistrazzjoni u n-numru preċedenti tal-flotta;
ii. il-marka, il-mudell, ix-chassis u s-sena tal-manifattura;
iii. l-entità li rċeviet il-vettura;
iv. jekk il-vettura nżammitx, inbiegħetx, ingħatatx bħala donazzjoni, ġietx skrappjata jew esportata;
v. id-data u l-metodu tad-disponiment;
vi. il-prezz tal-bejgħ jew korrispettiv ieħor; u
vii. kwalunkwe kundizzjoni marbuta mal-bejgħ jew mat-trasferiment?

27/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 4396.

Seduta Numru 30
02/11/2026

KAROZZI TAL-LINJA MIBJUGĦA JEW TRASFERITI

4396. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2761 u 4051 u jgħid kemm-il karozza tal-linja li kienet tifforma parti mis-servizz antik tat-trasport pubbliku u li nbiegħet jew ġiet trasferita minn Transport Malta jew minn entità governattiva oħra mill-1 ta' Jannar 2011 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari:
i. inbiegħet bil-kundizzjoni li tiġi restawrata;
ii. inbiegħet wara dikjarazzjoni mix-xerrej li kellha tiġi restawrata;
iii. kienet intiża biex tintuża bħala attrazzjoni turistika jew ta' wirt nazzjonali; jew
iv. kienet intiża biex tintuża għal sightseeing jew għal servizzi oħra tal-passiġġieri?
Jista' wkoll jipprovdi n-numru tar-reġistrazzjoni jew tal-flotta għal kull waħda minn dawn il-karozzi tal-linja, id-data tal-bejgħ, il-prezz tal-bejgħ, l-użu ddikjarat, l-istat tar-restawr u jekk bħalissa hijiex effettivament tintuża għall-iskop indikat meta nbiegħet?

27/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fis-sena 2011, Transport Malta ittrasferiet 118 karozza tal-linja, li kienu jiffurmaw parti mill-flotta tas-servizz tat-trasport pubbliku, lil Heritage Malta.

Seduta Numru 30
02/11/2026

JOBSPLUS - PROGRAMMI TAL-YOUTH GUARANTEE U TRAINING FOR EMPLOYMENT

4416. L-ONOR. ANNABELLE CILIA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-figura ta' aktar minn 15,000 persuna li, skont l-istqarrija tas-7 ta' Ottubru 2026, ibbenefikaw mill-programmi Youth Guarantee u Training for Employment ta' Jobsplus, tirrappreżentax persuni uniċi jew tinkludix persuni li pparteċipaw aktar minn darba fl-istess programm, f'korsijiet differenti jew fiż-żewġ programmi? Jista' wkoll jipprovdi n-numru totali ta' persuni uniċi u n-numru totali ta' parteċipazzjonijiet irreġistrati sat-30 ta' Settembru 2026?

27/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

IL-MOSTA - DAR TAL-ANZJANI – XOGĦLIJIET

4427. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3858, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex hemm dewmien fix-xogħlijiet fid-Dar tal-Anzjani tal-Mosta meta kien ġie ddikjarat mill-Ministru ta' qabel illi dawn ser ikunu lesti fis-sena 2027?

27/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

KUNSILL GĦALL-ANZJANI – MEMBRI

4428. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 385 jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta għalaq it-terminu tal-Kunsill għall-Anzjani?

27/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA U KURA FIL-KOMUNITÀ - PROFESSJONISTI ESTERNI

4429. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3316 u 3860 u jgħid kemm-il konsulent, advisor, espert jew professjonist estern kien ingaġġat mill-Ministeru għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità matul l-2024, l-2025 u l-2026, maqsuma sena b'sena u għal kull persuna jew entità, jagħti l-isem, is-servizz jew il-konsulenza mogħtija, id-data tal-ħatra, it-tul tal-kuntratt u l-valur totali tal-kuntratt?

27/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ingaġġar tal-konsulenti mal-Ministeru jsir skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

TESTIJIET TA' BREAST SCREENING MINN ETA TA' 45 SENA

4430. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta ser ikun qed idaħħal il-miżura msemmija fil-manifest elettorali tal-Partit Laburista li jibda jsir breast screening mill-età ta' 45 sena?

27/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Manifest Elettorali għandu ħames snin sabiex jiġi mwettaq. Madankollu, ninsab infurmat li t-tnaqqis fl-età tal-iskrinjar għandu jiġi implimentat b'mod gradwali, f'fażijiet, peress li l-iskrinjar isir kull sentejn.

Seduta Numru 30
02/11/2026

BREAST SCREENING – NISA LI GĦANDHOM 70 SENA

4431. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk huwiex qed jikkunsidra li dawk in-nisa li għalqu s-70 sena li jixtiequ jibqgħu jagħmlu breast screening jkunu eliġibbli jagħmlu dan? Jekk iva, jista' jgħid meta ser ikunu jistgħu jagħmlu dan?

27/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont il-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea (ECIBC), il-livell ta' ċertezza tal-evidenza fl-iskrinjar tan-nisa f'dik l-età huwa ta' benefiċċju baxx ħafna.

Seduta Numru 30
02/11/2026

MALTEMPATA HARRY – TWISSIJIET DIRETTI FUQ MOBILES

4439. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3556 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3186, jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern hux qed iqis it-twissijiet permezz tal-media soċjali u l-mezzi tax-xandir bħala sistema alternattiva konformi mal-Artikolu 110(2) tad-Direttiva (UE) 2018/1972, meta l-istess artikolu jeskludi espressament is-servizzi tax-xandir mill-mezzi alternattivi previsti? Jekk iva, jista' jispjega fuq liema bażi legali u teknika l-Gvern wasal għal din il-konklużjoni? Jekk le, jista' jidentifika liema sistema oħra kienet tissodisfa r-rekwiżiti tal-istess artikolu matul il-Maltempata Harry ta' Jannar 2026?

28/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi f'dan l-istadju m'għandi xejn iktar xi nżid mat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3585

Seduta Numru 30
02/11/2026

SISTEMA TA' TWISSIJIET PUBBLIĊI

4440. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3557 u jgħid liema sistema ta' twissijiet pubbliċi kienet formalment fis-seħħ bejn il-21 ta' Ġunju 2022 u l-introduzzjoni tas-sistema Reverse 112, u jispeċifika jekk din kinitx konformi mal-Artikolu 110(1) jew mal-Artikolu 110(2) tad-Direttiva (UE) 2018/1972? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kwalunkwe valutazzjoni teknika jew legali, imwettqa fid-dawl tal-linji gwida tal-BEREC, li turi l-effettività tas-sistema, partikolarment f'termini ta' kopertura ġeografika, ħin tat-trażmissjoni tat-twissijiet u kapaċità li jintlaħqu l-persuni kollha fiż-żoni affettwati, inklużi turisti, persuni li jużaw servizzi ta' roaming u persuni temporanjament preżenti f'Malta? Jista' jgħid ukoll liema awtorità kienet responsabbli sabiex tivverifika din il-konformità u jekk sarux testijiet dokumentati tal-effettività tas-sistema?

28/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi f'dan l-istadju m'għandi xejn iktar xi nżid mat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3585

Seduta Numru 30
02/11/2026

SITWAZZJONIJIET TA' EMERĠENZA – SISTEMA TA' TWISSIJIET

4441. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3558 u jgħid, f'każ li Malta terġa' tiffaċċja maltempata qawwija jew sitwazzjoni oħra ta' emerġenza simili għall-Maltempata Harry, x'miżuri operattivi għandu attwalment fis-seħħ il-Gvern sabiex jiżgura li t-twissijiet jaslu fil-ħin għand il-persuni kollha fiż-żoni affettwati? Jista' jgħid ukoll jekk il-Gvern hux ser ikompli jiddependi fuq ix-xandir tradizzjonali u l-media soċjali, jew jekk hux ser jintroduċi miżuri temporanji ta' twissija diretta fuq il-mobile sakemm is-sistema Reverse 112 issir kompletament operattiva? Jista' jgħid ukoll kif dawn il-miżuri ser jilħqu wkoll persuni anzjani, turisti, ħaddiema u residenti barranin, partikolarment dawk li ma jsegwux il-mezzi tax-xandir Maltin jew il-paġni uffiċjali fuq il-media soċjali? Jista' jgħid ukoll jekk is-sistema Reverse 112 hijiex attwalment operattiva, u jekk le, x'inhi d-data prevista għat-tħaddim tagħha, u jekk sarux testijiet li jikkonfermaw il-kapaċità tagħha li tilħaq apparati kompatibbli b'SIM cards Maltin u barranin?

28/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi f'dan l-istadju m'għandi xejn iktar xi nżid mat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3585.

Seduta Numru 30
02/11/2026

IMWIET TA' BHEJJEM MINĦABBA S-SĦANA – INVESTIGAZZJONIJIET

4442. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3580 u jgħid jekk sarux investigazzjonijiet jew valutazzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti dwar imwiet ta' bhejjem li setgħu kienu relatati mat-temperaturi għoljin matul ix-xhur ta' Ġunju sa Settembru 2026? Jista' jgħid ukoll x'kienu s-sejbiet ta' dawn l-investigazzjonijiet, jekk saru, u jekk ġewx identifikati xi kategoriji ta' bhejjem jew tipi ta' rziezet li huma partikolarment vulnerabbli għall-istress mis-sħana?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul il-perjodu msemmi ma ġietx identifikata sitwazzjoni li kienet teħtieġ azzjoni jew segwitu partikolari mill-awtoritajiet kompetenti. Abbażi tal-informazzjoni miġbura fil-kors tal-ħidma regolari tal-entitajiet involuti, ma ġew osservati l-ebda xejriet jew ċirkostanzi li jindikaw impatt sproporzjonat fuq kategoriji speċifiċi ta' bhejjem jew fuq setturi partikolari tal-produzzjoni agrikola.

Seduta Numru 30
02/11/2026

PERSUNI LI MIETU B'HEATSTROKES FL-2023, 2024, 2025 U 2026

4443. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3182 u 3582 u jgħid f'Malta u f'Għawdex, separatament, matul ix-xhur ta' Ġunju, Lulju, Awwissu u Settembru tas-snin 2023, 2024, 2025 u 2026, kemm ġew irreġistrati mwiet li fihom minħabba l-esponiment għal sħana naturali eċċessiva, heatstroke, sunstroke, ipertermija jew kundizzjoni oħra relatata mas-sħana kienu rreġistrati bħala:
(a) il-kawża prinċipali tal-mewt; jew
(b) kawża sekondarja, kontributorja jew fattur li kkontribwixxa għall-mewt?
Jista' jaqsam din l-informazzjoni skont ix-xahar, separatament għal Malta u Għawdex, is-sess, gruppi ta' età 0–64, 65–74, 75–84 u 85 sena jew aktar?
Jista' jgħid ukoll, għall-istess perjodi, kemm kienu:
(a) l-imwiet osservati minn kull kawża;
(b) l-imwiet mistennija skont il-baseline użat mill-awtoritajiet;
(c) l-excess all-cause mortality waqt perjodi ta' temperaturi estremi u heatwaves; u
(d) l-għadd stmat ta' mwiet attribwibbli għal temperaturi għoljin, inklużi mwiet li fihom is-sħana ma ġietx imniżżla fuq iċ-ċertifikat tal-mewt iżda setgħet wasslet għall-aggravament ta' kundizzjoni eżistenti, fosthom mard kardjovaskulari, ċerebrovaskulari, respiratorju jew renali, id-dijabete u kundizzjonijiet relatati mas-saħħa mentali?

Jista' jipprovdi dawn l-istimi bħala għadd ta' mwiet u bħala rata għal kull 100,000 persuna, flimkien mal-intervalli ta' kunfidenza jew miżura oħra tal-inċertezza statistika? Fejn id-data għall-2026 għadha mhix finalizzata, jista' jipprovdi l-aħħar data proviżorja disponibbli, jindika d-data sa meta tkopri u jgħid meta mistennija tkun disponibbli d-data finali?

28/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-istatistika miksuba mir-Reġistru Nazzjonali tal-Imwiet ma tinkludix biss l-imwiet ikkawżati minn heatstroke u għaldaqstant m'għandiex figuri għat-talbiet li saru.

Seduta Numru 30
02/11/2026

KRITERJI KLINIĊI UŻATI GĦALL-IMWIET BI SĦANA EĊĊESSIVA

4444. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3183 u 3583 u jgħid liema definizzjoni, kriterji kliniċi, kriterji epidemjoloġiċi u metodoloġija jintużaw mill-awtoritajiet tas-saħħa sabiex mewta tiġi identifikata u kklassifikata bħala relatata mas-sħana eċċessiva?
Jista' jispeċifika:
(a) liema kodiċijiet tal-ICD-10 jintużaw, inklużi X30 u T67 u s-sottokategoriji tagħhom;
(b) jekk jiġux eżaminati kemm il-kawża prinċipali kif ukoll il-kawżi sekondarji jew kontributorji fuq iċ-ċertifikat tal-mewt;
(c) jekk jitqisux ir-rekords mediċi u tal-isptar, iċ-ċirkostanzi tal-esponiment u d-data meteoroloġika;
(d) kif jiġu identifikati każijiet fejn is-sħana aggravat kundizzjoni kronika jew kundizzjoni eżistenti; u
(e) jekk il-metodoloġija hijiex konformi mal-linji gwida tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa u mal-prattika Ewropea rikonoxxuta?

28/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-Reġistru Nazzjonali tal-Imwiet jikkodifika l-kawżi tal-mewt skont l-ICD-10 u l-linji gwida tal-WHO. Għall-imwiet relatati mas-sħana jintużaw il-kodiċijiet X30 u E86, filwaqt li T67 ma tistax tintuża bħala kodiċi prinċipali.
Fil-kodifikazzjoni jiġu kkunsidrati l-kawżi prinċipali u sekondarji, kif ukoll informazzjoni medika u meteoroloġika rilevanti.
Barra minn hekk, permezz tal-koperazzjoni mal-Euromomo, ir-Reġistru jissorvelja l-imwiet ta' kull ġimgħa. Il-mortalità eċċessiva, jiġifieri l-imwiet li jaqbżu n-numru mistenni għal dak iż-żmien tas-sena, tgħin biex jiġi evalwat l-impatt tal-mewġiet ta' sħana, inkluż fuq persuni b'kundizzjonijiet kroniċi.

Seduta Numru 30
02/11/2026

ID-DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET – RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-OMBUDSMAN – IMPLIMENTAZZJONI

4455. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3882 u jgħid meta ser jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman dwar iż-żjarat fuq il-post minn uffiċjali tad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jiġu mmarkati b'mod ċar il-konfini tal-art okkupata illegalment u jispjega għaliex dawn ir-rakkomandazzjonijiet għadhom ma ġewx implimentati?

27/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

TAS-SLIEMA – ENCROACHMENTS U OKKUPAZZJONI ILLEGALI TA' ART PUBBLIKA – MULTI

4456. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3883 u jgħid x'inhu l-ammont ta' multi imposti jew mitluba f'każijiet ta' "encroachments" jew okkupazzjoni illegali ta' art pubblika f'Tas-Sliema? Jista' wkoll jindika jekk dawn il-multi humiex qed jitħallsu fil-ħin u jekk il-ħlasijiet kollha dovuti humiex aġġornati? Jista' jipprovdi, f'tabella, id-dettalji ta' kull każ inkluż l-ammont tal-multa imposta, l-ammont miġbur s'issa, l-ammont pendenti u, fejn applikabbli, l-azzjonijiet meħuda biex jinġabru l-ammonti dovuti?

27/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

SAN ĠILJAN – ENCROACHMENTS U OKKUPAZZJONI ILLEGALI TA' ART PUBBLIKA – MULTI

4457. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3884 u jgħid x'inhu l-ammont ta' multi imposti jew mitluba f'każijiet ta' "encroachments" jew okkupazzjoni illegali ta' art pubblika f'San Ġiljan? Jista' wkoll jindika jekk dawn il-multi humiex qed jitħallsu fil-ħin u jekk il-ħlasijiet kollha dovuti humiex aġġornati? Jista' jipprovdi, f'tabella, id-dettalji ta' kull każ inkluż l-ammont tal-multa imposta, l-ammont miġbur s'issa, l-ammont pendenti u, fejn applikabbli, l-azzjonijiet meħuda biex jinġabru l-ammonti dovuti?

28/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU GĦALL-ANZJANI - BAĠIT ALLOKAT

4475. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3080, 3314 u 3862 u jgħid kemm kien il-baġit allokat lill-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Anzjani fl-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm effettivament intnefaq minn dawn l-allokazzjonijiet?

28/10/2026

ONOR. IAN BORG: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-estimi finanzjarji tas-snin relattivi li kopja tagħhom diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

SPTAR REĠJONALI ĊENSU MORAN – PERSUNI LI GĦAMLU UŻU MIS-SERVIZZI

4488. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien in-numru ta' pazjenti li għamlu użu minn xi wieħed mis-servizzi offruti mill-isptar reġjonali Ċensu Moran, mill-ftuħ tiegħu sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

28/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

L-ISPTAR MATER DEI – KONSULENTI

4489. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm konsulenti jaħdmu fl-Isptar Mater Dei preżentement, maqsuma skont il-linja tal-mediċina li jipprattikaw fiha?

28/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

ĊENTRI TAL-KURA PRIMARJA – INVESTIMENT F'MANUTENZJONI U TISBIĦ

4490. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm huwa l-valur f'termini ta' flus li kienu investiti f'ċentri ta' kura Primarja madwar Malta u Għawdex (minbarra l-isptar reġjonali Ċensu Moran), biex saret manutenzjoni jew tisbiħ?

28/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li l-ispiża totali fuq tisbiħ, tiswijiet u manutenzjoni, kif ukoll investimenti kapitali oħra, inkluż għamara, fixtures u fittings oħra relatati ma' xogħlijiet ta' rinnovazzjoni u titjib, f'ċentri ta' Kura Primarja għas-snin 2020 sa Settembru 2026, hija ta' €12,818,278.

Seduta Numru 30
02/11/2026

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – HELPLINES – PERSUNI LI GĦAMLU UŻU

4491. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm persuni użaw il-helplines ikkoordinati mill-Ministeru għas-Saħħa u jaqsam l-informazzjoni skont il-helpline relattiv?

28/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

BEREĠ – XOGĦLIJIET

4492. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħmel elenku tax-xogħol li sar fil-bereġ madwar Malta u Għawdex mill-2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

28/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li mill-2020 'il quddiem, id-Dipartiment tal-Kura tas-Saħħa Primarja kompla jwettaq pjan estensiv ta' immodernizzar u ftuħ ta' kliniċi fil-komunità (bereġ) madwar Malta u Għawdex. Permezz ta' investiment kontinwu, infetħu jew ġew ipprovduti mill-ġdid servizzi f'dawn il-bereġ li qed iservu biex iressqu l-kura tas-saħħa eqreb lejn iċ-ċittadini. Il-lokalitajiet fejn infetħu jew ġew rinovati dawn il-bereġ mill-2020 'il quddiem jinkludu dawn li ġejjin, imqassma skont ir-reġjuni:
Reġjun Nofsinhar u Port
• Marsaxlokk
• Ħaż-Żabbar
• Ħal Tarxien
• Santa Luċija
• Il-Fgura
• Iż-Żejtun
• Ħal Għaxaq
• Il-Gudja
• Iż-Żurrieq
• Ħal Safi
• Birżebbuġa
• Marsaskala
• Il-Kalkara
• Il-Qrendi
Reġjun Ċentrali u Tramuntana
• Il-Ħamrun
• Ħ'Attard
• Ħad-Dingli
• Tal-Pietà
• Il-Mellieħa
• Il-Belt Valletta
• Ta' Xbiex
• Tas-Sliema
• In-Naxxar
• L-Iklin
• Ħal Għargħur
• Is-Siġġiewi
• San Ġiljan
• L-Imġarr
Għawdex
• L-Għarb
• Il-Qala
• Ix-Xewkija

Seduta Numru 30
02/11/2026

FORMOLARJU TAL-GVERN – MEDIĊINI

4493. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jelenka kemm hemm mediċini fuq il-Formolarju tal-Gvern li jiġu offruti b'xejn? Jista' jgħid ukoll liema huma l-ogħla tliet mediċini u għal liema kura jiġu użati?

28/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li bħalissa, hemm 1,388 mediċina elenkati fuq il-Formolarju tal-Gvern li jiġu offruti lill-pazjenti bla ħlas. Ta' min jinnota li l-prezz waħdu mhux dejjem jirrifletti l-ispiża tat-trattament, peress li l-mod u t-tul tal-użu jvarjaw bejn mediċina u oħra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

MARSAXLOKK – ĊENTRU TAL-AKWAKULTURA

4516. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid fejn ser jinbena ċ-Ċentru tal-Akwakultura ġdid li bħalissa qiegħed jopera mit-Torri ta' San Luċjan f'Marsaxlokk? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra site plan li tindika l-lokazzjoni ta' dan il-proġett u jgħid jekk is-sit hux fiż-Żona ta' Żvilupp jew barra ż-Żona ta' Żvilupp?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern huwa impenjat li jiżviluppa Ċentru ta' Riċerka għall Akwakultura u s-Sajd. Binja ta' din ix-xorta jkollha bżonn li tkun viċin il-baħar, l-operat eżistenti tal-Aġenzija għar-Riżorsi Akwatiċi (ARM) u l-komunità tas-sajjieda. ARM għadha ma daħlitx applikazzjonijiet għall-iżvilupp ta' dan iċ-ċentru.

Seduta Numru 30
02/11/2026

MARSAXLOKK – ĊENTRU TAL-AKWAKULTURA

4517. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid jekk ir-residenti ta' Marsaxlokk ġewx ikkonsultati dwar fejn ser jinbena ċ-Ċentru tal-Akwakultura ġdid, li bħalissa qiegħed jopera mit-Torri ta' San Luċjan f'Marsaxlokk? Jista' jgħid ukoll kemm se jiswa dan il-proġett u xi flus intefqu fuqu sa issa?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: L-Aġenzija għar-Riżorsi Akwatiċi (ARM) kellha diversi opportunitajiet li tikkonsulta mal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk. Barra minn hekk saret laqgħa mar-residenti ta' Marsaxlokk fil-15 ta' Lulju 2026. L-unika spejjeż li saru b'rabta ma' dan il-proġett huma relatati mad-disinn tiegħu.

Seduta Numru 30
02/11/2026

MARSAXLOKK – ĊENTRU TAL-AKWAKULTURA – FINANZJAMENT

4518. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid min ser jiffinanzja l-bini u finishes taċ-Ċentru tal-Akwakultura ġdid, li bħalissa qiegħed jopera mit-Torri ta' San Luċjan f'Marsaxlokk?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan il-proġett għadu fi stadju preliminari ta' evalwazzjoni u għalhekk għadu mhux possibbli li jingħataw dettalji preċiżi dwar l-ispiża finali tiegħu. Il-Gvern jista' jiffinanzja proġett bħal dan kemm minn fondi nazzjonali jew inkella minn fondi tal-Unjoni Ewropea.

Seduta Numru 30
02/11/2026

KAŻI TA' FOOD POISONING

4519. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każi ta' food poisoning minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b' xahar? Jista' jgħid ukoll jekk kull każ ta' food poisoning kienx investigat mill-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel (FSSA) u jekk hemmx xi awtoritajiet oħra li jinvestigaw każijiet ta' food poisoning, apparti l-FSSA?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 30
02/11/2026

SIDIEN TA' ART PRIVATA – ARRANĠAMENTI MA' BDIEWA

4520. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm sidien ta' art privata li daħlu f'arranġamenti ma' bdiewa għall-produzzjoni organika minn Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, mill-informazzjoni disponibbli, mill-Jannar 2023 sad-data ta' din it-tweġiba, ma kien hemm l-ebda sid ta' art privata li wera' interess sabiex jidħol f'arranġament ma' bdiewa għall-produzzjoni organika.

Seduta Numru 30
02/11/2026

SKEMA TA' GĦOTJA BIEX ART ABBANDUNATA TINBIDEL F'SISTEMI AGROFORESTALI

4521. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm individwi li gawdew mill-iskema ta' għotja biex art abbandunata tinbidel f'sistemi agroforestali (sa €8,000) minn Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 57 benefiċjarju li rċevew għajnuna finanzjarja taħt il-proġett, *Agroforestry Pilot Project* bejn l-2023 u l-2025, filwaqt li 18-il benefiċjarju ieħor irċevew għajnuna finanzjarja taħt l-iskema *Agroforestry Scheme* bejn l-2025 u l-2026.

Seduta Numru 30
02/11/2026

JOBSPLUS - PROGRAMMI TAL-YOUTH GUARANTEE U TRAINING FOR EMPLOYMENT

4561. L-ONOR. ANNABELLE CILIA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol:
B'referenza għall-programmi Youth Guarantee u Training for Employment ta' Jobsplus, jista' l-Ministru jipprovdi separatament għal kull programm u għal kull sena mill-bidu tiegħu sat-30 ta' Settembru 2026, l-istatus tal-parteċipanti qabel ma bdew il-programm, billi jindika:
a. kemm kienu qiegħda u jirreġistraw ma' Jobsplus;
b. kemm ma kinux qed jaħdmu, jistudjaw jew jitħarrġu (NEETs);
ċ. kemm kienu diġà impjegati; u
d. kemm kienu qed ifittxu li jtejbu l-ħiliet jew il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom?
Jista' jgħid ukoll fejn id-data mitluba ma tinżammx jew ma tkunx disponibbli, jindika dan espliċitament?

29/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

JOBSPLUS - PROGRAMMI TAL-YOUTH GUARANTEE U TRAINING FOR EMPLOYMENT

4562. L-ONOR. ANNABELLE CILIA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għall-istqarrija ppubblikata fis-7 ta' Ottubru 2026, li fiha ġie ddikjarat li aktar minn 15,000 persuna bbenefikaw mill-programmi Youth Guarantee u Training for Employment ta' Jobsplus, jista' l-Ministru jgħid jekk din il-figura tirreferix għal persuni li sempliċiment bdew jew ipparteċipaw f'kors, għal persuni li temmew it-taħriġ, jew għal persuni li kisbu riżultat konkret fl-impjieg? Jista' jipprovdi ċ-ċifri eżatti separatament għal kull waħda minn dawn it-tliet kategoriji, għal kull programm u għal kull sena mill-bidu tiegħu sat-30 ta' Settembru 2026? Jista' jgħid ukoll fejn id-data mitluba ma tinżammx jew ma tkunx disponibbli, jindika dan espliċitament?

29/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

PERMESSI TA' RESIDENZA – APPLIKAZZJONIJIET SOTTOMESSI

4563. L-ONOR. ANNABELLE CILIA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2944 u jgħid kemm ġew sottomessi applikazzjonijiet għal permess ta' residenza minn ċittadini ta' pajjiżi terzi lill-Aġenzija Identità, matul is-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

29/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

PERMESSI TA' RESIDENZA – APPLIKAZZJONIJIET GĦAL TIĠDID U APPLIKAZZJONIJIET ĠODDA

4564. L-ONOR. ANNABELLE CILIA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2945 u ċjoè: B'referenza għall-applikazzjonijiet għal permess ta' residenza sottomessi lill-Aġenzija Identità matul is-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, jista' l-Ministru jgħid kemm minn dawn l-applikazzjonijiet kienu għat-tiġdid ta' permessi eżistenti, u kemm kienu applikazzjonijiet ġodda sottomessi għall-ewwel darba?

29/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

PERMESSI TA' RESIDENZA – APPLIKAZZJONIJIET – TQASSIM SKONT IL-KATEGORIJA

4565. L-ONOR. ANNABELLE CILIA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2946 u jagħti rendikont globali tal-applikazzjonijiet għal permess ta' residenza sottomessi lill-Aġenzija Identità matul is-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u jaqsam din l-informazzjoni skont il-kategorija tal-applikazzjoni u skont in-natura tal-applikazzjoni, pereżempju:
i. il-Permess Uniku (Single Permit);
ii. ir-riunifikazzjoni tal-familja u l-membri tal-familja;
iii. l-istudju;
iv. l-istatus ta' resident fit-tul;
v. il-Karta Blu tal-UE;
vi. il-Key Employee Initiative;
vii. in-Nomad Residence Permit; u
viii. kategoriji oħra?
Jista' wkoll jagħti rendikont ta' din iċ-ċifra billi jgħid kemm miċ-ċifra globali kienu applikazzjonijiet għal tiġdid u kemm kienu applikazzjonijiet ġodda li ġew sottomessi għall-ewwel darba?

29/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

BAĠIT 2027 – RENDIKONT TAL-ATTIVITAJIET, INIZJATTIVI, PROĠETTI U SKEMI

4600. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont dettaljat tal-attivitajiet, inizjattivi, proġetti u skemi li huma ppjanati li jiġu ffinanzjati taħt kull waħda minn dawn il-Line Items tal-Baġit 2027 tal-Ministeru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali:
i. 5185 – Youth Activities;
ii. 5483 – Youths' National Programme;
iii. 5566 – Youth Special Training Scheme;
iv. 5631 – Band Music Traineeship Scheme;
v. 5673 – Youth Organisation Projects; u
vi. 5674 – Youth App?

Għal kull line item, jista' wkoll jipprovdi:
i. deskrizzjoni dettaljata tal-attivitajiet u l-inizjattivi li hemm il-ħsieb li jitwettqu;
ii. il-gruppi ta' żgħażagħ li għalihom huma mmirati dawn l-attivitajiet u l-inizjattivi, kif ukoll il-kriterji li ntużaw biex jintgħażlu dawn il-gruppi; u
iii. r-riżultati konkreti mistennija minn kull attività jew inizjattiva?

29/10/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-estimi finanzjarji marbuta mal-Ministeru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali se jiġu diskussi fl-10 ta' Novembru 2026, hekk kif stipulat fil-Mozzjoni nru 70, Mozzjoni ta' Proċedura li tirregola s-seduti konnessi mal-Estimi Ġenerali, diskussa fis-Seduta 25, nhar it-Tlieta, 20 Ottubru 2026.

Seduta Numru 30
02/11/2026

KUNSILL GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI

4608. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill għall-Ħarsien tal-Annimali bejn l-1 ta' Jannar 2026 u l-31 ta' Ottubru 2026? Tista' wkoll tindika r-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet maħruġa u lil min ingħataw, liema rapporti ġew ippubblikati, u liema rakkomandazzjonijiet ġew implimentati?

29/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li l-Kunsill għall-Ħarsien tal-Annimali huwa obbligat li jiltaqa' darba kull xahrejn u li bejn Jannar u April 2026, iltaqa' darbtejn. Il-Kunsill kellu wkoll laqgħat mal-Kummissarju għall-ħarsien tal-annimali ta' dak iż-żmien. Intant, infurmata li qed jiġi finalizzat il-proċess biex jinħatar Kunsill ġdid.

Seduta Numru 30
02/11/2026

SERVIZZ NAZZJONALI TA' EMERĠENZA VETERINARJA

4609. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid, għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2026, minn meta beda jopera s-servizz nazzjonali ta' emerġenza veterinarja, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar:
i. kemm waslu telefonati fuq in-numru 153, estensjoni 22;
ii. kemm ġew eżaminati annimali fil-klinika tal-emerġenza fil-Fgura;
iii. għal dawn l-annimali eżaminati, f'kemm-il każ il-viżta ġiet ikkunsidrata bħala emerġenza vera u l-miżata tal-konsultazzjoni ġiet rimborżata, u f'kemm-il każ ir-rimborż ġie miċħud; u
iv. x'inhu l-valur medju ta' kull rimborż u l-ammont totali mħallas f'rimborżi?
Tista' tgħid ukoll x'inhi l-ispiża totali ta' dan is-servizz mill-bidu tas-sena 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma bejn ir-rimborżi, il-ħlasijiet lill-operatur tal-klinika fil-Fgura u spejjeż oħra?

29/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li mis-26 ta' Jannar 2026 meta beda jopera s-servizz nazzjonali ta' emerġenza veterinarja sad-29 ta' Ottubru 2026, minn 8,059 telefonata fuq in-numru 153, estensjoni 22, ġew imwieġba 7,825 waqt li 234 ġew abbandunati minn min ċempel. Ir-rata ta' telefonati milqugħa kienet ta' 97.1%. B'kollox ġew eżaminati 2,343 annimal fil-klinika tal-Fgura. Kien hemm 1,925 każ li ġew approvati bħala emerġenza vera u rimborżati, 218-il każ kienu miċħuda u hemm 200 każ li għadhom qed jiġu evalwati u proċessati. Il-valur medju ta' kull rimborż huwa €141.09 u l-ammont totali mħallas bħala rimborż huwa €271,610. Bħala spejjeż lill-operatur tal-klinika, l-ammont iffatturat sa Settembru 2026 u mħallas huwa ta' €447,928. B'hekk l-ispiża totali s'issa, li tinkludi rimborżi lis-sidien tal-annimali u lill-operatur, tammonta għal €719,538.

Seduta Numru 30
02/11/2026

ESTIMI FINANZJARJI 2027 – ANIMAL AFTERCARE CLINIC

4610. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tispjega għal xiex qed jirreferi l-Line Item 5468 - Animal Aftercare Clinic, fil-Vot 25 tal-Estimi Finanzjarji 2027, u tindika jekk dan huwiex l-istess servizz tal-klinika tal-emerġenza fil-Fgura?

29/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-diskussjoni fuq l-estimi finanzjarji marbuta mal-Ministeru se jiġu diskussi fil-25 ta' Novembru 2026, hekk kif stipulat fil-Mozzjoni Nru 70, Mozzjoni ta' Proċedura li tirregola s-seduti konnessi mal-Estimi Ġenerali, li ġiet diskussa fis-Seduta 25, it-Tlieta, 20 t'Ottubru 2026.

Seduta Numru 30
02/11/2026

SPTAR VETERINARJU NAZZJONALI

4611. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti aġġornament dwar ix-xogħol li qed jiġi svolt mill-Bord tal-Isptar Veterinarju Nazzjonali, u tgħid jekk ġiex identifikat min se jkun qed jopera dan l-isptar?

29/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Bord tal-Isptar Veterinarju Nazzjonali ġie stabbilit. Fil-preżent qegħdin isiru l-preparamenti meħtieġa sabiex l-Isptar Veterinarju Nazzjonali jkun jista' jibda jopera skont il-proċessi u l-approvazzjonijiet applikabbli. Il-proċess għall-identifikazzjoni tal-operatur għadu għaddej u għaldaqstant għadu ma ġiex identifikat min ser jopera l-isptar. Ma jkunx prudenti li jiġu preġudikati l-proċessi applikabbli qabel dawn jiġu konklużi.

Seduta Numru 30
02/11/2026

CAT NEUTERING CAMPAIGN

4612. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid għaliex fl-2025 intefqu biss €49,801 mill-allokazzjoni għall-'Cat Neutering Campaign', minn allokazzjoni ferm ogħla? Tista' tgħid ukoll x'sar mill-bqija tal-allokazzjoni?

29/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li fl-2025 intefqu €49,801 mill-allokazzjoni prevista għall-'Cat Neutering Campaign', però l-ispiża relatata mal-'Cat Neutering Campaign' matul l-2025 ma kinitx limitata għall-ammont imħallas mill-allokazzjoni speċifika tal-kampanja. Fil-fatt, spejjeż relatati mal-kampanja qegħdin taħt allokazzjonijiet oħrajn tad-Direttorat, b'tali mod li l-infiq totali relatat mal-'Cat Neutering Campaign' matul l-2025 kien jammonta għal €182,041.

Seduta Numru 30
02/11/2026

MANUTENZJONI TAS-SANTWARJI TAL-ANNIMALI

4613. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Fid-dawl li fl-2025 intefqu biss €200 mill-allokazzjoni għall-manutenzjoni tas-santwarji tal-annimali, tista' l-Ministru tgħid kemm daħlu applikazzjonijiet u kemm minnhom ġew approvati, liema santwarji bbenefikaw, għaliex il-bqija tal-fondi ma ntefqux, u x'sar minn dawn il-fondi?

29/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-iskema għar-rifużjoni ta' spejjeż relatati mal-manutenzjoni tal-binjiet okkupati minn santwarji tal-annimali kienet infetħet fl-2024. Kien hemm sitt applikazzjonijiet u kollha ġew approvati. Il-benefiċjarji kienu sitt santwarji tal-annimali eliġibbli taħt l-iskema. Minħabba li l-kuntratti ġew konklużi aktar tard milli kien antiċipat, ix-xogħlijiet rispettivi ġew estiżi għas-sena 2026 u għaldaqstant ma sarux rifużjonijiet matul is-sena 2025. Il-fondi relatati baqgħu disponibbli għall-finijiet tal-iskema sabiex isiru r-rifużjonijiet dovuti wara li jitlestew u jiġu verifikati x-xogħlijiet eliġibbli.
Inżid li l-ammont imsemmi mill-Onor. Interpellant ma kienx relatat mal-iskema li qed jirreferi għaliha.

Seduta Numru 30
02/11/2026

L.S. 350.14 – PBS – INFURZAR

4615. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1121, 1620, 3358 u 3588 u jgħid jekk matul l-aħħar sena, kienx hemm xi każ fejn il-PBS inforza jew ipprova jinforza l-artikolu 18 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 350.14, "Ħtiġiet dwar standards u prattika li japplikaw għal bulettini tal-aħbarijiet u l-programmi ta' ġrajjiet kurrenti"? Jista' jgħid ukoll x'passi ttieħdu f'kull każ?

29/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat mill-PBS li r-risposta hi fin-negattiv.

Seduta Numru 30
02/11/2026

ĦAL TARXIEN – PROĠETT TA' MISRAĦ IR-REPUBBLIKA – INAWGURAZZJONI – SPIŻA

4616. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3426 u 3867 u jgħid kemm swiet l-inawgurazzjoni li saret f'Mejju 2026 ta' parti mill-proġett ta' Misraħ ir-Repubblika f'Ħal Tarxien?

29/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

INFRASTRUCTURE MALTA – XOGĦLIJIET INFRASTRUTTURALI – KUMPENS GĦAL DANNI JEW TELF FINANZJARJU

4617. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3864 u jgħid x'inhuma l-proċeduri stabbiliti minn Infrastructure Malta sabiex persuni jew negozji li jqisu li ġarrbu danni jew telf finanzjarju b'riżultat ta' xogħlijiet infrastrutturali mwettqa mill-istess entità jkunu jistgħu japplikaw għal kumpens?

29/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta għandha politika stabbilita dwar talbiet għal kumpens relatati ma' danni kkawżati minn xogħlijiet infrastrutturali.
It-talbiet jistgħu jiġu sottomessi lill-Infrastructure Malta, fejn tingħabar id-dokumentazzjoni meħtieġa u jsiru l-verifiki tekniċi. Kull talba eliġibbli tiġi sussegwentement evalwata individwalment mill-Kumitat responsabbli, skont il-proċeduri stabbiliti.

Seduta Numru 30
02/11/2026

ĦAL TARXIEN – MISRAĦ IR-REPUBBLIKA – XOGĦLIJIET

4618. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3424 u 3865 u jgħid meta hu mistenni li jitlesta l-proġett ta' Misraħ ir-Repubblika u t-toroq tal-madwar f'Ħal Tarxien?

29/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

ĦAL TARXIEN – PROĠETT TA' MISRAĦ IR-REPUBBLIKA – SPIŻA TOTALI

4619. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3425 u 3866 u jgħid kemm sewa s'issa l-proġett ta' Misraħ ir-Repubblika u t-toroq tal-madwar f'Ħal Tarxien, u kemm hu stmat li se tkun l-ispiża totali tal-proġett meta jitlesta?

29/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 30
02/11/2026

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET BIL-MIKTUB

SAN PAWL IL-BAĦAR – SKOLA PRIMARJA – KLASSIJIET U STUDENTI – SENA SKOLASTIKA 2025-2026

W771. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm klassijiet u studenti fl-Iskola Primarja ta' San Pawl il-Baħar fil-bidu tas-sena skolastika 2025-2026?

26/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li 697 student.

Seduta Numru 30
02/11/2026

SAN PAWL IL-BAĦAR – SKOLA PRIMARJA – KLASSIJIET U STUDENTI – SENA SKOLASTIKA 2024-2025

W772. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm klassijiet u studenti fl-Iskola Primarja ta' San Pawl il-Baħar fil-bidu tas-sena skolastika 2024-2025?

26/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li 663 student.

Seduta Numru 30
02/11/2026

SAN PAWL IL-BAĦAR – SKOLA PRIMARJA – KLASSIJIET U STUDENTI – SENA SKOLASTIKA 2023-2024

W773. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm klassijiet u studenti fl-Iskola Primarja ta' San Pawl il-Baħar fil-bidu tas-sena skolastika 2023-2024?

26/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li 675 student.

Seduta Numru 30
02/11/2026

SAN PAWL IL-BAĦAR – SKOLA PRIMARJA – KLASSIJIET U STUDENTI – SENA SKOLASTIKA 2022-2023

W774. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm klassijiet u studenti fl-Iskola Primarja ta' San Pawl il-Baħar fil-bidu tas-sena skolastika 2022-2023?

26/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li 563 student.

Seduta Numru 30
02/11/2026

SAN PAWL IL-BAĦAR – SKOLA PRIMARJA – KLASSIJIET U STUDENTI – SENA SKOLASTIKA 2021-2022

W775. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm klassijiet u studenti fl-Iskola Primarja ta' San Pawl il-Baħar fil-bidu tas-sena skolastika 2021-2022?

26/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li 531 student.

Seduta Numru 30
02/11/2026

IL-QAWRA – SKOLA PRIMARJA – ŻIEDA FIL-KLASSIJIET

W776. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjanijiet biex il-klassijiet fl-Iskola Primarja tal-Qawra jiżdiedu, hekk kif l-ammont ta' studenti qiegħed jiżdied kull sena? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx pjanijiet biex isir aktar bini, għall-istess raġuni? Jekk le (għaż-żewġ mistoqsijiet), jista' jgħid x'azzjoni ser tkun qiegħda tittieħed sabiex l-istudenti li joqogħdu l-Qawra u fl-inħawi, ikunu jistgħu jkomplu bl-istudji tagħhom?

26/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li kull azzjoni tittieħed skont il-ħtieġa u neċessità ta' kull skola.

Seduta Numru 30
02/11/2026

SAN PAWL IL-BAĦAR – SKOLA PRIMARJA – KLASSIJIET U STUDENTI – SENA SKOLASTIKA 2020-2021

W777. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm klassijiet u studenti fl-Iskola Primarja ta' San Pawl il-Baħar fil-bidu tas-sena skolastika 2020-2021?

27/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li 521 student.

Seduta Numru 30
02/11/2026